



**OPINJONI Nru 01/2011**

**TAL-AĠENZIJA EWROPEA TAS-SIKUREZZA TAL-AVJAZZJONI**

**tat-18 ta' Marzu 2011**

**għal Regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 tal-24 ta' Settembru 2003 li jstabilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji tal-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom**

**U**

**għal Regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 dwar il-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol**

***'il-proċess ELA' u 'bidliet u tiswijiet standard'***

## **Sommarju Eżekuttiv**

Din l-Opinjoni għandha impatt primarjament fuq l-avjazzjoni ġenerali u tindirizza l-kwistjonijiet li ġejjin:

Proċess ta' ċertifikazzjoni ssimplifikat u aktar ipproporzjonat għal Inġenji tal-Ajru Ffief Ewropej (ELA) huwa introdott. Applikant għal ċertifikat tat-tip għal inġenji tal-ajru ELA1 (pereżempju ajruplani ta' inqas minn 1200 kg) jista' juża programm ta' ċertifikazzjoni li juri l-kapaċità tiegħu fid-disinn. Dan jelimina l-ħtieġa għal kumpaniji żgħar li jgħaddu mill-proċess amministrattiv li huwa ta' piż u konsum ta' ħin għall-ksib ta' Approvazzjoni ta' Organizzazzjoni tad-Disinn (DOA) waqt li fl-istess żmien jgħaddu mill-proċess ta' ċertifikazzjoni. Din il-bidla tkun ta' benefiċċju għall-applikanti l-ġodda għal ċertifikat tat-tip ta' inġenju tal-ajru ELA1.

Il-kunċett ta' "Bidliet standard u Tiswijiet standard" huwa introdott. Il-kunċett il-ġdid jelimina l-ħtieġa li wieħed jgħaddi mill-proċess tal-approvazzjoni tad-disinn għal bidliet u tiswijiet li jitqiesu bħala standard. Għal dak il-għan, katalogu ta' bidliet u tiswijiet standard se jkun inkluż fl-Ispesifikazzjoni ta' Ċertifikazzjoni (CS) ġdida. Il-kunċett il-ġdid se jnaqqas il-piż amministrattiv waqt li jżomm livell għoli ta' sigurtà. Is-sidien u l-operaturi kollha ta' inġeni tal-ajru żgħar jistgħu jibbenefikaw minn din ir-regola.

Taħt ir-regoli attwali l-Formola 1 tal-EASA hija prerekwiżita għall-installazzjoni tal-partijiet ta' sostituzzjoni kollha f'inġenju tal-ajru. Madankollu, xi partijiet u tagħmir f'inġenji tal-ajru ELA huma prodotti f'industrija rregolata mhux tal-avjazzjoni. Il-manifatturi mhux irregolati ma jistgħux jirrilaxxaw dawn il-partijiet b'Formola 1 tal-EASA. Għal inġenji tal-ajru ġodda, din mhijiex kwistjoni minħabba li l-aċċettazzjoni tal-partijiet hija koperta mill-organizzazzjoni tal-produzzjoni approvata tal-manifattur tal-inġenji tal-ajru. Madankollu, il-partijiet ta' sostituzzjoni ġeneralment jinkisbu direttament mis-sors. Sabiex jissodisfaw l-obbligu tal-Formola 1 tal-EASA, dawn il-partijiet xorta jkollhom jiġu rrilaxxati permezz ta' organizzazzjonijiet tal-produzzjoni approvati fejn il-valur miżjud tagħhom mhux dejjem ikun imminenti. Din l-Opinjoni tintroduċi l-possibilità għas-sidien ta' inġenji tal-ajru ELA li jaċċettaw ċerti partijiet li mhumiex kruċjali għas-sigurtà għall-installazzjoni mingħajr Formola 1 tal-EASA. Din il-bidla timmira li tnaqqas il-piż regolatorju għal livell ipproporzjonat mar-riskji tas-sigurtà.

## Ġenerali

1. L-għan ta' din l-Opinjoni huwa li tissuġġerixxi li l-Kummissjoni temenda l-Anness għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003<sup>1</sup> (minn hawn 'il quddiem imsemmija bħala l-'Parti-21') u, b'mod partikulari, biex tintroduċi proċess ta' ċertifikazzjoni ssimplifikat u aktar ipproporzjonat għal Inġenji tal-Ajru Ħfief Ewropej (ELA). Sabiex tinżamm konsistenza mal-Parti-21, huwa ssuġġeriet ukoll li l-Kummissjoni temenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003<sup>2</sup> u l-Annessi Parti-M u Parti-145.
2. L-Opinjoni ġiet adottata, f'segwitu tal-proċedura speċifikata mill-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (l-'Aġenzija')<sup>3</sup>, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008<sup>4</sup> (minn hawn 'il quddiem imsemmi bħala 'Ir-Regolament Bażiku').

## II. Konsultazzjoni

3. Fl-aħħar snin kien hemm tnaqqis fl-attività tal-avjazzjoni ta' rikreazzjoni 'klassika' u l-iżvilupp tal-moviment mikroħafif fl-Ewropa. Il-feedback mill-industrija u l-Operaturi ssuġġerixxa li l-qafas regolatorju applikat għall-inġenji tal-ajru ta' rikreazzjoni b'mod progressiv sar tqil wisq għan-natura tal-attivitajiet involuti u jpoġġi piż regolatorju tqil fuq id-disinjaturi u l-manifatturi ta' dawn it-tipi.
4. L-Aġenzija ħolqot il-kompitu tat-tfassil ta' regoli MDM.032 sabiex tindirizza dan it-tħassib. Minħabba li l-kompitu għandu firxa wiesgħa, l-Aġenzija fl-2006 ħarġet NPA bikri biex tiddiskuti kunċett għal regolamentazzjoni aħjar fl-avjazzjoni ġenerali. Il-feedback minn dan l-NPA bikri kien intuża mill-grupp tal-MDM.032 biex jiżviluppa kunċett għal regolamentazzjoni aħjar fl-avjazzjoni ġenerali. Dan il-kunċett indirizza l-ajrunavigabilità inizjali u kontinwa, l-operazzjonijiet u l-ħruġ tal-liċenzji għall-avjazzjoni ġenerali.
5. L-Aġenzija qieset ukoll l-introduzzjoni tar-regola tal-Inġenji tal-Ajru tal-Isports Ħfief (LSA) mill-Amministrazzjoni Federali tal-Avjazzjoni Ċivili (FAA) li enfasizzat tnaqqis fl-armonizzazzjoni bejn l-Aġenzija u l-FAA fir-regolamentazzjoni tal-avjazzjoni ta' rikreazzjoni. Il-maġġoranza tat-tipi ta' LSA fl-Istati Uniti huma ta' oriġini Ewopea, imma dawn ma jistgħux joperaw b'mod legali fl-UE sakemm ma jkollhomx piż fil-qtugħ mill-art ta' inqas minn 450 kg (u sussegwentement jaqgħu taħt l-Anness II tar-Regolament Bażiku) jew kienu ċċertifikati għal CS-VLA (Inġenji tal-Ajru Ħfief Ħafna) jew xi kodiċi oġhla.


<sup>1</sup> Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 tal-24 ta' Settembru 2003 li jstabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji tal-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jaġgħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni (ĠU L 243, tas-27.9.2003, pġ. 6). Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1194/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 (ĠU L 321, tas-6.12.2009, pġ. 5).

<sup>2</sup> Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 tal-20 ta' Novembru 2003 dwar il-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru tal-inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol (ĠU L 315, tat-28.11.2003, pġ. 1). Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 962/2010 tas-27 ta' Ottubru 2010 (ĠU L 281, tas-27.10.2010, pġ. 78).

<sup>3</sup> Deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija rigward il-proċedura li trid tkun applikata mill-Aġenzija għall-ħruġ ta' Opinjonijiet, Speċifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjoni u Materjal ta' Gwida. EASA MB 08-2007 tal-11.6.2007 ('Proċedura ta' Regolamentazzjoni').

<sup>4</sup> Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE (ĠU L 79, tad-19.3.2008, pġ. 1) Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1108/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 (ĠU L 309, 24.11.2009, pġ. 51).

6. Bħala subsett tal-kunċett għal regolamentazzjoni aħjar għall-avjazzjoni ġenerali, kienu diskussi diversi għażliet għall-ajrunavigabilità inizjali mill-grupp MDM.032. Bil-pubblikazzjoni tal-NPA 2008-07 fit-18 ta' April 2008, il-grupp ippropona dan li ġej għall-ajrunavigabilità inizjali:
- L-edba tibdil fil-firxa tal-inġenji tal-ajru tal-Anness II (b'mod partikulari l-mikroħafif) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 (minn hawn 'il quddiem imsejħa bħala l-'Parti-21') u li dawn l-inġenji tal-ajru jinżammu barra l-firxa ta' dan ir-Regolament.
  - Tinħoloq sistema regolatorja eħfef ibbażata fuq proċess ġdid għal Inġenji tal-Ajru Ħfief Ewropej (ELA) u jkun introdott kunċett għal bidliet u tiswijiet standard.
  - Is-sistema regolatorja eħfef għall-ELA tkun subdiviża f'żewġ proċessi:
    - o ELA1 għal ajruplani, gliders jew gliders bil-mutur li mhumiex ikklassifikati bħala ajruplani bil-magna kumplessi sa piż ta' tluq massimu ta' **1 200 kg**.
    - o ELA2 għal ajruplani, gliders jew gliders bil-mutur li mhumiex ikklassifikati bħala ajruplani bil-magna kumplessi sa piż ta' tluq massimu ta' **2 000 kg**.
7. Il-proċess propost ġdid fl-NPA 2008-07 għall-ELA kien proċess ġdid sostanzjalment aktar sempliċi għar-regolamentazzjoni tal-inġenji tal-ajru u prodotti, partjiet u tagħmir relatati. L-intenzjoni kienet li jkomplu jinħarġu ċ-ċertifikati tat-tip għat-tip u ċertifikazzjoni tal-ajrunavigabilità għall-inġenji tal-ajru individwali. Dan jimplika li l-proċess il-ġdid se jsegwi l-prinċipji eżistenti tal-Parti-21.
8. Sad-data tal-għeluq tat-18 ta' Lulju 2008, l-Aġenzija kienet irċeviet 843 kumment minn 79 Awtorità tal-Avjazzjoni Nazzjonali, organizzazzjonijiet professjonali u kumpaniji privati.
9. Ħafna kummentaturi esprimew il-fehma li l-NPA ma kisbitx dak li riedu huma jiġifieri ċertifikazzjoni komparabbli ma' dak li jeżisti fl-Istati Uniti tal-Amerika (ir-regola tal-Inġenji tal-Ajru tal-Isports Ħfief), li ma tinkludix approvazzjonijiet ta' organizzazzjoni jew involviment sinifikanti tal-Amministrazzjoni Federali tal-Avjazzjoni Ċivili (FAA).Dawn il-kummenti, madankollu, ġew prinċipalment minn partijiet interessati fi ħdan il-firxa tal-proċess ELA1.
10. Għaldaqstant, l-Aġenzija pproponiet modifika strateġika importanti għall-proposti fid-Dokument ta' Tweġibiet għall-Kummenti (CRD) għall-NPA 2008-07. Kienet proposta fażi 2 tat-tfassil ta' regoli parallela fil-waqt li għal din il-kategorija tal-inġenji tal-ajru ELA1 se jkun esplorat aktar rilassament tas-sistema regolatorja fil-kompitu tar-regolamentazzjoni BR.010, li huwa eqreb għar-regoli tal-LSA tal-FAA. Fl-istess waqt, il-proposti tal-NPA 2008-07 għall-ELA1 u l-ELA2 se jkunu mmexxija 'l quddiem sabiex tkun introdotta malajr kemm jista' jkun is-simplifikazzjoni tal-proċess ta' ċertifikazzjoni eżistenti fi ħdan il-Parti-21.



11. L-Aġenzija ddeċidiet li taqşam il-pubblikazzjoni tas-CRD għall-NPA 2008-07 sabiex tikkomunika b'mod aktar ċar dan l-approċċ fuq żewġ fażijiet u tipprovdi sommarju komprensiv tad-diskussjonijiet, il-konklużjonijiet, u t-test propost riżultanti għall-bidliet għall-Parti-21 għas-simplifikazzjoni tal-proċess ta' ċertifikazzjoni eżistenti. Hawn il-konvinzjoni li, minkejja reazzjonijiet kuntrarji għal din il-qasma li huma espressi wkoll fl-hemża għal din l-Opinjoni, din tejbet il-konsultazzjoni dwar din l-istrateġija u pprovdiet fl-istess waqt proċess aktar rapidu għall-bidliet proposti f'din l-Opinjoni għall-Parti-21.
12. Parti II separata tas-CRD għall-NPA 2008-07 kienet ippubblikata fil-25 ta' Novembru 2010 u kien fiha it-843 kumment, tweġiba u test riżultanti tal-Ispesifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjoni ġodda proposti għall-ajruplani fil-firxa ELA1 sa 600 kg (CS-LSA). Din is-CS-LSA ġdida hija ppjanata li tkun ippubblikata kmieni fl-2011 u tuża l-istandards tal-industrija użati wkoll fir-regoli tal-LSA tal-FAA.
13. Fit-tnejn tal-fażi 2 (kompitu BR.010) li huwa propost mill-Aġenzija, twestaq studju dwar is-sistemi ta' regolamenti nazzjonali eżistenti għall-inġenji tal-ajru tat-tip mikroħafif f'għadd ta' Stati Membri u d-dejta relatata mas-sigurtà. L-intenzjoni hija li naraw jekk jistgħux ikunu mitgħallma lezzjonijiet minn dawn is-sistemi regulatorji applikati għall-kategoriji tal-inġenji tal-ajru li huma qrib l-ajruplani ELA1. Ir-riżultati ta' dan l-istudju se jintużaw biex ikunu esplorati l-għażliet fil-kompitu BR.010.
14. Il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tat-triq magħżula mill-Aġenzija biex jinkiseb progress fil-bidla tal-Parti-21 li hija proposta f'din l-Opinjoni huma:
  - Is-simplifikazzjoni tal-proċess ta' ċertifikazzjoni eżistenti għall-inġenji tal-ajru kollha fil-firxa ELA1 u ELA2 waqt li jinżamm iċ-ċertifikat tat-tip jew iċ-ċertifikat tat-tip ristrett.
  - Il-bidliet isiru disponibbli malajr kemm jista' jkun minn dan il-proċess tat-tfassil ta' regoli.

- Il-kunċett ta' "Bidliet standard" u "Tiswijiet standard" huwa introdott għal:
    - a. Inġenji tal-ajru ELA1, ELA2;
    - b. Ajruplani b'Massa ta' Tluq Massima (MTOM) ta' 5 700 kg jew inqas, u
    - c. Inġenji tal-ajru li jaħdmu bir-rotors ta' MTOM ta' 3 175 kg jew inqas.
  - Il-proposta titqies li mhijiex l-aħjar soluzzjoni għal ELA1 u jinħtieġ żmien addizzjonali biex tkun żviluppata proposta ġdida.
  - Ir-Regolament 'Drittijiet u Ħlasijiet' adottat mill-Kummissjoni jibqa' applikabbli minkejja li jitqies mill-partijiet interessati bħala xkiel maġġuri għaċ-ċertifikazzjoni ta' inġenji tal-ajru ġodda jew għaċ-ċertifikazzjoni ta' bidliet jew tiswijiet f'inġenji tal-ajru eżistenti. Kien propost li jintuża l-finanzjament ibbażat fuq dritt żgħir mill-biljetti tal-ajru — l-istess kif jintuża fl-Istati Uniti. Tali sistema tiżgura l-finanzjament tas-sistema EASA mingħajr żieda sinifikanti fil-prezz tal-biljett tal-ajru.
15. Ir-reazzjonijiet għas-CRD 2008-07 huma pprovduti fl-anness għal din l-Opinjoni u jipprovdu — għal raġunijiet prattiċi — traduzzjoni jew sommarju komprensiv ta' xi reazzjonijiet. Total ta' seba' assoċjazzjonijiet mis-settur ELA1 tal-avjazzjoni ġenerali, sitt awtoritajiet Ewropej, l-FAA u żewġ individwi taw il-feedback tagħhom.
16. B'mod speċjali l-partijiet interessati li huma attivi fil-kategorija ELA1 jesprimu d-diżappunt tagħhom bil-proposta attwali. Fil-fehma tagħhom mhux se tipprovdi r-rilassament meħtieġ għall-komunità tagħhom u barra minn hekk din il-bidla damet wisq biex tkun żviluppata. L-Aġenzija diġà esprimiet fis-CRD li huwa ċar li l-bidliet proposti fi ħdan il-Parti-21 mhux se jipprovdu s-soluzzjoni finali. Għaldaqstant, huwa propost segwitu biex jirrevedi l-għażliet fejn huma rrekwiżiti bidliet fir-Regolament Bażiku. Madankollu, dan jitqies li huwa separat mill-proposta għal din l-Opinjoni.
17. Ir-reazzjonijiet għall-Part I tas-CRD jindikaw li l-approvazzjoni kkombinata tad-disinn u l-produzzjoni kif propost fis-Subparti L ġdida għall-Parti-21 titqies li ma tipprovdi il-benefiċċji antiċipati mill-industrija. Is-Subparti L proposta titqies bħala kkomplikata wisq. Fuq medda twila ta' żmien tista' twassal għal inkonsistenzi mas-Subpartijiet eżistenti fil-Parti-21 għal DOA u POA. Titqies ukoll li żżid il-burokrazija. L-Aġenzija qieset dawn ir-reazzjonijiet u kkonkludiet li s-Subparti L ġdida, li hija applikabbli biss għall-inġenji tal-ajru fi ħdan il-kriterji ta' ELA1 u ELA2, ikkomplikat iżżejjed lill-Parti-21 bi fteit jew xejn benefiċċji għall-organizzazzjonijiet. Huwa evidenti wkoll li l-proposta għall-approvazzjoni kkombinata tad-disinn u l-produzzjoni kienet tiddependi fuq l-applikazzjoni tal-Artikolu 20(2)(b)(ii) tar-Regolament Bażiku minn Stat Membru. Ikun biss jekk Stat Membru kien talab li l-Aġenzija tiegħu r-responsabilità għall-approvazzjoni ta' organizzazzjoni tal-produzzjoni speċifika f'dak l-Istat Membru, li tkun tista' tinħareġ approvazzjoni kkombinata. Fil-fatt, bl-eżistenza tal-Artikolu 20(2)(b)(ii) tar-Regolament Bażiku, l-approvazzjoni kkombinata tad-disinn u l-produzzjoni hija diġà possibbli fi ħdan ir-Regoli Implimentattivi attwali. Meta Stat Membru jaqbel li juża din id-dispożizzjoni, l-Aġenzija tikkombina s-sorveljanza ta' POA u DOA u eventwalment toħroġ approvazzjoni kkombinata waħda. Għaldaqstant is-Subparti L proposta ġiet irtirata.

### III. Il-kontenut tal-Opinjoni tal-Aġenzija

18. L-Opinjoni preżenti tqis kemm jista' jkun is-suġġerimenti magħmula mill-partijiet interessati u l-awtoritajiet li pparteċipaw fil-konsultazzjoni u rreaġixxew għall-Parti I tas-CRD għall-NPA 2008-07. L-emendi għall-bidla proposta għar-Regolament (KE) Nru 1702/2003 u l-Anness I

(Part-21) mis-CRD 2008-07 Parti I huma ppreżentati hawn taħt għal kull paragrafu meta jkun applikabbli. Korrezzjonijiet editorjali ma jissemmewx b'mod espliċitu.

19. **1702/2003**

Definizzjoni ta' ELA1 u ELA2 hija introdotta fl-Artikolu 1 sabiex jittejjeb il-qari tar-rekwiżiti fil-Parti-21.

20. **Parti-21**

**21A.14 Wiri tal-kapaċità**

It-test riżultanti tal-Parti-21 fis-CRD 2008-07 Parti I b'mod mhux korrett bidel 21A.14(c) b'mod simili għal 21A.14(b) fir-rigward tal-magni u l-iskrejjen. Dan il-paragrafu għandu jippermetti biss il-programm ta' ċertifikazzjoni għall-magni u l-iskrejjen installati f'inġenji tal-ajru msemmija f'dan il-paragrafu. Il-paragrafi 21A.14(b) u (c) huma kkoreġuti u ssimplifikati bl-użu tad-definizzjoni għal ELA1 u ELA2 fl-Artikolu 1.

**21A.35 Testijiet tat-Titjira**

Inġenji tal-ajru ELA1 u ELA2 huma inklużi fil-paragrafu (b) b'mod konsistenti mat-test riżultanti fis-CRD 2008-07 Parti I

**21A.90A Ambitu**

Dan il-paragrafu huwa nnumerat mill-ġdid u bidliet standard huma miżjuda għall-ambitu ta' din is-Subparti.

**21A.90B Bidliet standard**

Ir-rekwiżit huwa abbozzat mill-ġdid u nnumerat mill-ġdid (fis-CRD 2008-07 Parti I ara 21A.98) sabiex ikun isseparat b'mod ċar il-proċess ta' approvazzjoni għal bidliet mill-bidliet standard li ma jinħtieġux tali proċess ta' approvazzjoni. It-test huwa ssimplifikat ukoll bl-użu tad-definizzjonijiet għal ELA1 u ELA2 introdotti fl-Artikolu 1.

**21A.112B Wiri tal-kapaċità**

Hija introdotta referenza għall-paragrafu 21A.14(c) ġdid b'mod konsistenti mat-test riżultanti fis-CRD 2008-07 Parti I.

**21A.116 Trasferibilità**

Ir-rekwiżit ġie emendat għall-inġenji tal-ajru ELA1 b'mod konsistenti mat-test riżultanti fis-CRD 2008-07 Parti I.

**21A.307 Rilaxx ta' partijiet u tagħmir għall-installazzjoni**

It-test riżultanti fis-CRD 2008-07 Parti I b'mod mhux korrett kien fih paragrafu (c) li kien diġà kopert fil-paragrafu (b). Għaldaqstant dan il-paragrafu tneħħa.

Ir-rekwiżit huwa abbozzat mill-ġdid, b'teħid ta' vantaġġ bid-definizzjonijiet għal ELA1 u ELA2 introdotti fl-Artikolu 1. Barra minn hekk, żdied rekwiżit ta' identifikazzjoni speċifika għal partijiet immanifatturati taħt ir-responsabilità tas-sid.

**SUBPARTI L — Approvazzjoni Kkombinata tal-Organizzazzjonijiet Responsabbli għad-Disinn u l-Produzzjoni tal-inġenji tal-ajru ddefiniti fil-Paragrafu 21A.14(b) u (c)**

Il-proposta għal din is-Subparti ġdida ġiet irtirata.

**21A.431A Ambitu**

Dan il-paragrafu ma kienx mibdul fis-CRD 2008-07, imma issa huwa nnumerat mill-ġdid u tiswijiet standard żdiedu mal-ambitu ta' din is-Subparti.

**21A.431B Tiswijiet standard**

Ir-rekwiżit huwa abbozzat mill-ġdid u nnumerat mill-ġdid (fis-CRD 2008-07 Parti I ara 21A.436) sabiex ikun isseparat b'mod ċar il-proċess ta' approvazzjoni għat-tiswijiet mit-tiswijiet standard li ma jinħtieġux tali proċess. It-test huwa ssimplifikat ukoll bl-użu tad-definizzjonijiet għal ELA1 u ELA2 introdotti fl-Artikolu 1.

**21A.432B Wiri tal-kapaċità**

Ir-rekwiżit ġie emendat biex jinkludi l-għażla li jintuża programm ta' ċertifikazzjoni għall-wiri tal-kapaċità għall-inġenji tal-ajru ELA1 b'mod konsistenti mat-test riżultanti fis-CRD 2008-07 Parti I.

**21A.439 Produzzjoni ta' partijiet għat-tiswija**

Dan ir-rekwiżit inizjalment inbidel biex jinkludi s-Subparti L ġdida. Din ġiet irtirata, u għaldaqstant m'hemmx bidliet f'dan il-paragrafu.

**21A.441 Twettiq tat-tiswija**

Dan ir-rekwiżit inizjalment inbidel biex jinkludi s-Subparti-L ġdida. Din ġiet irtirata. Il-kliem 'organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata' huwa ssostitwit b'referenza għal Parti-M u Parti-145 sabiex jitneħħew ir-restrizzjonijiet mhux intenzjonati għal Parti-M u Parti-145.

**SUBPARTI P u SUBPARTI Q**

Il-bidliet proposti għall-paragrafi f'dawn is-Subpartijiet ġew irtirati meta kienet irtirata s-Subparti L.

**TAQSIMA B**

Il-bidliet proposti għall-paragrafi f'dawn is-Subpartijiet ġew irtirati meta kienet irtirata s-Subparti L.

21. Lil hinn mill-bidla għal M.A.501(a) inkorporata fir-Regolament (KE) 1056/2008, huma proposti bidliet għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) **2042/2003** għal konsistenza mar-Regolament 1702/2003. Dawn il-bidliet iqisu d-definizzjoni l-ġdida ta' ELA1, il-kategorija l-ġdida ta' partijiet f'21A.307 (b) u l-introduzzjoni ta' bidliet standard u tiswijiet standard.

L-Artikolu 2(k) huwa emendat biex id-definizzjoni ta' ELA1 tiġi allinjata mad-definizzjoni l-ġdida proposta għar-Regolament 1702/2003 f'din l-Opinjoni. Dawn il-bidliet se jippermettu l-użu sħiħ tal-possibilitajiet offruti issa fil-Parti-21.

**22. Parti-M****M.A.302 Programm ta' manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru**

Il-paragrafu (d) huwa emendat biex ikun żgurat li l-istruzzjonijiet għal ajrunavigabilità kontinwa inklużi fl-Ispesifikazzjonijiet għaċ-Ċertifikazzjoni għal bidliet u tiswijiet standard jitqiesu fil-programm ta' manutenzjoni.

**M.A.304 Dejta għal modifiki u tiswijiet**

Dan il-paragrafu huwa emendat biex jinkludi l-Ispesifikazzjonijiet għaċ-Ċertifikazzjoni li se jinħarġu mill-Aġenzija għall-bidliet standard u tiswijiet standard.

**M.A. 502 Manutenzjoni tal-komponenti**

Dan il-paragrafu huwa emendat biex ikunu stabbiliti l-kundizzjonijiet li taħthom iridu jinżammu l-komponenti msemmija f'21A.307(b), u biex ikun iċċarat li dawn il-komponenti mhumiex eliġibbli għall-ħruġ ta' Formola 1 tal-EASA wara l-manutenzjoni.

**M.A. 613 Ċertifikat tar-rilaxx għas-servizz ta' komponent.**



Dan il-paragrafu huwa emendat biex ikun iċċarat li l-komponenti msemmija f'21A.307(b) mhumiex eliġibbli għall-ħruġ ta' Formola 1 tal-EASA wara l-manutenzjoni.

**M.A.614 Reġistri tal-manutenzjoni**

Dan il-paragrafu huwa emendat biex isir kompatibbli mad-dejta użata għal bidliet standard u tiswijiet standard li ma jsegwux il-proċess ta' approvazzjoni fil-Parti-21.

**M.A.710 Analiżi tal-ajrunavigabilità**

Il-kliem tal-paragrafu (a)(6) huwa emendat sabiex tkun żgurata l-konsistenza mal-kunċett ta' bidliet standard u tiswijiet standard.

**M.A.802 Ċertifikat tar-rilaxx għas-servizz ta' komponent**

Dan il-paragrafu huwa emendat biex ikun iċċarat li l-komponenti msemmija f'21A.307(b) mhumiex eliġibbli għall-ħruġ ta' Formola 1 tal-EASA wara l-manutenzjoni.

**M.A.902 Validità taċ-ċertifikat tal-analiżi tal-ajrunavigabilità**

Il-kliem tal-paragrafu (b)(5) huwa emendat sabiex tkun żgurata l-konsistenza mal-kunċett ta' bidliet standard u tiswijiet standard.

23. Parti-145

**145.A.42 Aċċettazzjoni tal-komponenti**

Paragrafu (a) huwa emendat biex ikunu inklużi l-komponenti msemmija f'21A.307 (c) u l-kundizzjonijiet li taħthom jistgħu jkunu installati dawn il-komponenti.

**145.A.50 Ċertifikazzjoni tal-manutenzjoni**

Dan il-paragrafu huwa emendat biex ikun iċċarat li l-komponenti msemmija f'21A.307(b) mhumiex eliġibbli għall-ħruġ ta' Formola 1 tal-EASA wara l-manutenzjoni.

**145.A.55 Reġistri tal-manutenzjoni**

Paragrafu (b) huwa emendat biex isir kompatibbli mad-dejta użata għal bidliet standard u tiswijiet standard.

**145.A.65 Politika tas-sigurtà u l-kwalità, il-proċeduri tal-manutenzjoni u s-sistema tal-kwalità**

Il-kliem tal-paragrafu (b) huwa emendat sabiex tkun żgurata l-konsistenza mal-kunċett ta' bidliet standard u tiswijiet standard.

Kolon, it-18 ta' Marzu 2011

P. GOUDOU  
Id-Direttur Eżekuttiv

## **HEMŻA: Reazzjonijiet għas-CRD 2008-07**

(1) Persuna individwali ssottomettiet il-kummenti li ġejjin:

- Huwa ta' dispaċir li 'l-kunċett għal regolament aħjar' inizjali rriżulta biss f'aġġustamenti tar-regoli tal-Parti-21 attwali. Dawn il-proposti għandhom il-mertu tagħhom imma ma jistgħux isalvaw lill-GA. Huwa ddikjarat li sistema nazzjonali anqas burokratika bħad-"deutsche Luftrecht" jew l-estensjoni tal-Anness II għal MTOW ta' 2000 kg kienu jipprovdu regolament aħjar għall-GA.

*Tweġiba:* L-Aġenzija esprimiet fis-CRD li huwa ċar li l-bidliet proposti fi ħdan il-Parti-21 mhux se jipprovdu s-soluzzjoni finali. Għaldaqstant, se jinbeda segwitu biex jirrevedi l-għażliet fejn huma rrekwiżiti bidliet fir-Regolament Bażiku. Dawn il-bidliet jistgħu jieħdu d-direzzjoni kif indikat fir-reazzjoni. Bidla fil-livell tar-Regolament bażiku probabbilment iddum xi ftit.

- Il-kunċett attwali ta' regoli separati għad-disinn, il-produzzjoni, il-liċenzjar, il-manutenzjoni u l-operazzjonijiet ma jitqiesx bħala adattat għall-GA. Dan iwassal biex ir-regoli ma jkunux jinfteħmu u jsiru goffi wisq għall-persuni u l-organizzazzjonijiet involuti fil-GA. Għaliex mhuwiex possibbli li jkunu abbozzati regoli ddedikati għall-GA meta min-naħa l-oħra huwa possibbli li jkunu introdotti standards tekniċi ġodda għal klassijiet tal-piż speċifiċi?

*Tweġiba:* Il-konsegwenza tal-emenda proposta fi ħdan ir-Regolament Bażiku attwali huwa li l-prinċipji ma jistgħux jinbidlu. Għaldaqstant, ir-regoli separati għad-disinn u l-produzzjoni se jibqgħu.

- **Drittijiet u ħlasijiet** għadhom applikabbli u għoljin wisq għall-organizzazzjonijiet tal-GA. Huwa ssuġġerit li jintuża l-finanzjament ibbażat fuq dritt żgħir mill-biljetti tal-ajru - l-istess kif jintuża fl-Istati Uniti. Tali sistema tiżgura l-finanzjament tas-sistema EASA mingħajr żieda sinifikanti fil-prezz tal-biljett tal-ajru.

*Tweġiba:* L-Aġenzija se tgħaddi s-suġġeriment lill-Kummissjoni għall-kunsiderazzjoni tagħha.

- **Wiri tal-kapaċità għad-disinn.** L-introduzzjoni tal-"Programm taċ-Ċertifikazzjoni" titqies bħala titjib, sakemm jinżamm għal minimu. L-AP-DOA wkoll inizjalment kienet sistema relattivament inqas burokratika imma kultant hija implimentata b'mod li ssir mhux adattata għal proġetti żgħar. Huwa ssuġġerit ukoll li tinħoloq "Approvazzjoni għad-Disinn" għal individwu minflok DOA għall-organizzazzjonijiet.

*Tweġiba:* L-Aġenzija tirrikonoxxi l-kwistjoni li l-implimentazzjoni attwali tar-rekwiżiti ta' organizzazzjoni tad-disinn tista' tkun ta' piż kbir wisq għal organizzazzjoni tal-GA. Għaldaqstant l-Aġenzija tipproponi fis-CRD 2008-07 li tiżviluppa AMC għad-DOA li tagħmel il-wiri tal-konformità aktar faċli. Il-benefiċċju jkun li privileġġi sħaħ ikunu disponibbli għall-organizzazzjoni tad-disinn approvata. Is-suġġeriment ta' "Approvazzjoni tad-Disinn" għal individwu ma tqisix f'dan l-istadju minħabba li l-approċċ tal-EASA huwa l-approvazzjoni tal-organizzazzjonijiet.

- **Partijiet li ma jinħtieġux Formola 1 tal-EASA.** Dan jitqies bħala żvilupp tajjeb.

Mistoqsija: Għaliex l-approvazzjoni hija meħtieġa għall-installazzjoni ta' tagħmir approvat meta dak jinkludi wkoll l-istruzzjonijiet għall-installazzjoni? Il-proċess u l-ispejjeż tal-approvazzjoni tal-installazzjoni qed ixekklu l-implimentazzjoni ta' tagħmir modern bħal FLARM li jista' jtejjeb is-sigurtà. Kemm aċċidenti dan iż-żmien għandhom kawżi tekniċi?

*Tweġiba:* L-Aġenzija tiżzi ħajr lill-kummentatur għall-appoġġ tiegħu għall-proposta. Li l-installazzjoni ta' 'tibdiliet standard' għandha ssir aktar faċli għall-GA hija appoġġjata. Din hija r-raġuni għaliex din hija inkluża f'din il-proposta (ara l-paragrafu li ġej). L-Aġenzija taqbel li l-maġġoranza tal-aċċidenti tal-GA għandhom konnessjoni ma' kawżi operattivi.

- **Bidliet u tiswijiet standard.** Fil-prinċipju dan l-iżvilupp huwa appoġġjat. Il-mod kif, madankollu, jidher li jirriżulta f'soluzzjoni burokratika. L-AC 43-13 tal-FAA huwa dokument prammatiku u l-ħtieġa għal CS ġodda mhijiex appoġġjata.

*Tweġiba:* L-Aġenzija tipproponi l-introduzzjoni ta' CS ġodda li jkopru t-tibdiliet u t-tiswijiet standard b'kontenut li juża dejta mill-AC 43-13 tal-FAA. L-istatus legali, madankollu, mhuwiex bħaċ-Ċirkulari Konsultattiva tal-FAA għaliex is-CS se jkun fihom tiswijiet u tibdiliet iddettaljati li ma jirrikjedux proċess ta' approvazzjoni. Il-proċess biex ikunu żviluppanti u maħruġa dawn is-CS jista' jidher burokratiku; madankollu dawn jippermettu lill-Aġenzija li tippubblika disinji approvati fi ħdan il-kompetenza tal-Aġenzija li jistgħu jkunu implimentati mingħajr il-ħtieġa ta' approvazzjoni għal kull tiswiġa jew bidla standard individwali.

(2) Il-British Gliding Association u l-European Gliding Union ipprovdew reazzjonijiet identiċi:

**Bidliet u tiswijiet standard.** Il-Part 21, anki kif emendata għal inġenji tal-ajru tal-isports ħfief, għandha l-perspettiva ġuridika simpliċistika li KWALUNKWE bidla mwettqa f'inġenju tal-ajru, żgħira kemm hi żgħira, tirrappreżenta impatt fuq il-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip li fuqha hija ssostanzjata l-ajrunavigabilità tal-inġenju tal-ajru. Il-proċess sħiħ, inkluża d-DOA, hija applikata għat-twettiq ta' tagħmir sportiv, li huwa għali u mhux adattat meta jitqiesu l-implikazzjonijiet tas-sigurtà assolutament minimi. Il-miżura offruta fl-NPA permezz tas-CS – Tiswijiet u modifiki standard proposti hija milqugħa tajjeb ħafna, imma tista' titqies flimkien ma' miżuri oħra: pereżempju

- o Definizzjoni mill-ġdid fi ħdan l-ELA li tagħti s-setgħa li titwettaq klassi limitata ta' modifiki fid-diskrezzjoni tas-sid, min iwettaq il-manutenzjoni, l-assoċjazzjoni lokali jew in-NAA.
- o Libertajiet aktar wiesgħa fi ħdan il-Parti 21 – prinċipalment permezz ta' gwida ta' AMC.
- o Il-provvediment ta' gwida addizzjonali, aktar adattata lin-NAAs permezz ta' regoli 'MB' fil-Parti 21.
- o Għażla minimalista fuq l-akkreditazzjoni ta' DOA ġdida li takkomoda tali tibdiliet b'mod ekonomiku u proporzjonat.
- o Rikoxximent li din l-attività fil-fatt hija aktar adattata għall-'Ajrunavigabilità Kontinwa' taħt il-Parti M u li l-privileġġi ta' organizzazzjoni tal-Parti M adattata jistgħu jitqiesu aċċettabbli f'dawn il-każijiet.
- o L-adozzjoni 'en bloc' tal-materjal ta' gwida eżistenti fis-CS – Tiswijiet u Bidliet Standard ġodda.

It-tħassib primarju jibqa' rigward il-livelli l-aktar baxxi ta' bidla li tnissel azzjoni ta' modifika. Fil-preżent modifika minuri hija rrekwiżita anki għal rilokazzjoni ta' strument fi ħdan il-panew tiegħu. Id-definizzjoni attwali tal-livell li fih 'installazzjoni riveduta' tiġġustifika l-istatus ta' modifika 'minuri' għad trid tiġi diskussa.

*Tweġiba:* L-Aġenzija tagħraf li l-emendar propost tal-Parti-21 u l-introduzzjoni ta' CS ġodda għal bidliet u tiswijiet standard għandu r-restrizzjonijiet tiegħu għaliex jibqa' fi ħdan il-prinċipju ta' approvazzjoni tal-bidliet kollha. Madankollu, dan huwa minħabba r-Regolament Bażiku attwali. Il-fażi 2 għal 'regolament aħjar għall-Avjazzjoni Ġenerali' imwettaq mill-kompitu BR.010 huwa propost biex jitqiesu l-possibiltajiet kif huma proposti mill-kommentatur. Min-naħa l-oħra, il-bidla proposta għall-Parti-21 u l-introduzzjoni ta' bidliet u tiswijiet standard hija strument li, fi ħdan il-bidliet li jirrikjedu l-approvazzjoni, jitqies li jappoġġjaw l-introduzzjoni komuni u standardizzata tal-bidliet fi proċess li huwa inqas ta' piż.

**Wiri ta' kompetenza għall-approvazzjoni (DOA, POA u DOA/POA).** Il-qsim regolatorju tal-kategoriji f'disinn, ajrunavigabilità inizjali, ajrunavigabilità kontinwa, tiswija u manutenzjoni wassal għal multiplisità ta' approvazzjonijiet li, waqt li huma adattati għal inġenji tal-ajru kbar u kumpaniji kbar, huwa għal kollox mhux xierqa għall-Assoċjazzjonijiet, l-IŻM u 'l-industriji' żgħar tal-artiġjanat tal-Isport/GA. L-NPA tipproponi l-miżuri li ġejjin li jonqsu milli jakkomodaw il-ħtieġa simplistika bażika, u minflok qed isegwu modi ta' azzjoni multipli.

**Programm ta' ċertifikazzjoni mmodifikat** – Dan jidher li jippermetti lid-disinjaturi li l-ewwel jiddisinjaw u mbagħad forsi jiksbu l-approvazzjoni b'mod retrospettiv meta jkun inkiseb il-progress u l-kunfidenza adegwati. Din il-flessibilità jidher li tibdel biss l-ordni li fih isiru l-applikazzjonijiet għall-approvazzjoni, mingħajr impatt fuq l-ammont ta' xogħol b'mod ġenerali. Huwa ta' dispjaċir li l-"kunċett alternattiv" ma jinżammx għall-bidliet għaċ-ċertifikat tat-tip.

Wiri tal-kapaċità għall-produzzjoni. Is-CRD toffri ġeneralitajiet li jikkonċernaw il-proċess 'issimplifikat' mingħajr ebda simplifikazzjonijiet speċifiċi.

*Tweġiba:* M'hemm l-ebda simplifikazzjoni għar-regola għal POA, madankollu l-Aġenzija se tiżviluppa AMC għal wiri aktar faċli tal-konformità għall-ELA1 u l-ELA2.

**DOA/POA kkombinati.** Din hija l-aktar miżura promettenti minn dawn il-miżuri kollha ta' 'Wiri tal-kapaċità'. Madankollu, il-valur ta' dan jista' faċilment jintilef bejn l-EASA u NAA li ma tikkoperax. Kif se jkunu akkomodati l-irwoli tal-NAAs u l-EASA fil-proċess 'issimplifikat'?

Huwa nnotat li ħafna kumpaniji tal-gliders Ewropej li preċedentement kienu akkreditati b'approvazzjonijiet nazzjonali sħaħ, issa naqsu milli jiksbu l-approvazzjoni tal-Parti 21, presumibbilment minħabba l-kumplessità u l-ispiża fis-sistema tal-Parti 21. Jista' jkun mistenni li waħda jew aktar mill-għażliet ta' hawn fuq tippermettilhom li jiksbu l-approvazzjoni b'mod rapidu? Min-naħa tal-pożizzjoni ta' din l-assoċjazzjoni sportiva, insibu li l-aktar kandidat potenzjali huwa l-proċess ta' DOA/POA kkombinati.

*Tweġiba:* L-idea wara l-programm taċ-ċertifikazzjoni huwa li jippermetti ċ-ċertifikazzjoni tat-tip mingħajr il-ħtieġa għal DOA jew AP-DOA għall-ELA1. Huwa rrikonoxxut li dan għall-ewwel se jissimplifika biss iċ-ċertifikazzjoni tat-tip inizjali u mhux se jipprovdi l-privileġġi tad-DOA li setgħu jnaqqsu l-piż għal appoġġ kontinwu tat-TC. Dan hija r-raġuni għaliex AMC ssimplifikata hija żviluppata biex tinkiseb DOA.

*Rimarka:* Mir-reazzjonijiet għas-CRD u r-reazzjonijiet għall-konsultazzjoni interna għal din l-Opinjoni, l-Aġenzija kkonkludiet li s-Subparti-L ġdida għall-approvazzjoni ta' organizzazzjoni tad-disinn u l-produzzjoni kkombinati għandha tkun irtirata. Kien konkluż li dan ma jġibx benefiċċji waqt li fl-istess ħin l-għażla għal dawn l-approvazzjonijiet maħruġa mill-Aġenzija kienet diġà teżisti meta l-Artikolu 20(2)(b)(ii) tar-Regolament Bażiku l-appikazzjoni se tkun applikata.

**Partijiet mingħajr Formola 1.** Il-proposta fis-CRD biex titnaqqas l-ambitu tal-partijiet li ma jirrikjedux il-Formola 1 tal-EASA għar-rilaxx mhijiex iġġustifikata b'mod adegwat. Il-ħtieġa ddikjarata biex ikun żviluppat regolament li għandu komunalità mal-avjazzjoni kummerċjali mhijiex loġika jew raġonevoli.

Il-ħolqien ta' partijiet ta' sostituzzjoni adattati għall-qafas tal-inġenju tal-ajru, u strutturi ta' appoġġ lokali minn materja prima minn sorsi xierqa, huwa wkoll ikkontrollat aktar milli huwa meħtieġ minn dawk li huma kkwalfikati biex iwettqu l-manutenzjoni tal-Parti M tal-inġenju tal-ajru u l-uffiċjali responsabbli tas-CA. Iż-żamma tar-rekords b'mod adattat f'werkxijs u loggs tal-manutenzjoni, fir-rigward tal-orijini ta' tagħmir ikkwalfikat kummerċjalment u l-ħolqien ta' partijiet minuri tal-qafas tal-inġenju tal-ajru skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-manifatturi, diġà jinsabu hemm taħt il-Parti M u huma intirament adegwati għall-ħtiġijiet tas-sigurtà ta' dan is-settur, jew tabilħaqq għar-ritorn ta' inġenju tal-ajru għal tħaddim kummerċjali f'każijiet rari.

Il-ħolqien ta' regola li hija pproporzjonata għall-avjazzjoni tal-Isport/Ġenerali huwa għal kollox dipendenti fuq l-implimentazzjoni ddettaljata ta' dan il-materjal ta' gwida, u l-ambitu tal-applikabilità ta' dawn il-libertajiet.

*Tweġiba:* Il-proposta għal partijiet mingħajr il-Formola 1 tal-EASA tmur lil hinn mill-ambitu tal-partijiet prodotti għall-manutenzjoni. L-ambitu huwa miftuħ għall-partijiet kollha ħlief għal partijiet u tagħmir b'terminu tal-użu limitat, partijiet mill-istruttura primarja u partijiet tal-kontrolli tat-titjir. Dawn il-limitazzjonijiet għall-ambitu huma introdotti għall-kontroll tar-riskji tas-sigurtà u għaldaqstant biex ikun jista' jsir użu fi tħaddim kummerċjali.

**Entitajiet Ikkwalifikati (QE).** L-inklużjoni ta' opportunitajiet għar-rwoli ta' QE għall-IŻM u l-Assoċjazzjonijiet Sportivi hija żvilupp importanti, bil-potenzjal li jitnaqqsu l-ispejjeż ġenerali amministrattivi, u għaldaqstant hija milqugħa tajjeb. Hemm il-biża' li l-kumplessità fuq in-naħa regolatorja u n-nuqqas potenzjali ta' impenn fil-livell tal-Bord tat-Tmexxija jistgħu jxekklu l-benefiċċji għal entità QE li hija utli b'mod sħiħ għall-moviment tal-Avjazzjoni tal-Isports/Ġenerali b'mod ġenerali, u għall-applikanti, b'mod partikulari. Il-QE għandha tkun tista' takkomoda libertà massima fl-irwoli magħżula, u rrekwiżita li jkollha interazzjoni ma' kontraparti waħda biss fuq in-naħa tal-awtoritajiet. Il-vijabilità kummerċjali tal-operazzjoni tal-QE tirrikjedi kunsiderazzjoni adattata.

*Tweġiba:* Aħna nirrikonoxxu l-inċertezza rrelata mal-proċess ta' QE għall-Aġenzija u għaldaqstant nipproponu l-AMC ssimplifikata għall-istruttura regolatorja attwali ta' DOA.

Rekwiżiti ta' Awtorità AR GEN.205 (Irreferi għas-CRD għal NPA 2008-22(b) u 2009-02(d) ippubblikata fl-4 ta' Ottubru 2010) fil-ġejjieni se jiddefinixxu kif l-Awtoritajiet Kompetenti jistgħu jużaw QE. Dan se jsir applikabbli għal POA meta r-regoli applikabbli mill-Parti-21 huma trasposti għall-Parti-AR. L-Opinjoni għal dan hija mistennija fl-2013. (Irreferi għall-kompitu tat-tfassil ta' regoli MDM.060)

(3) CAA NL:

(Paġna 6, punt 1) Hemm dubju dwar jekk il-proposta biex l-inġenji tal-ajru jkunu limitati permezz tar-regoli operattivi għal dawk il-limitazzjonijiet li huma inklużi fit-TCDs hijiex fattibbli mingħajr xogħol b'lura ta' emendar ta' TCDs ta' inġenji tal-ajru ċertifikati ta' qabel l-EASA bi dritt ta' eżenzjoni. Numru ta' TCDs mhux se jiddikjaraw b'mod speċifiku l-limitazzjonijiet tal-applikabilità mill-kodiċi tal-ajrunavigabilità.

*Tweġiba:* Hawn il-konvinzjoni li hemm nuqqas ta' fehim dwar l-intenzjoni fis-CRD. Minħabba li l-kwistjoni taċ-ċertifikat tat-tip tal-magna u l-iskrejjien kienet mistennija li tkun ristretta wisq, il-grupp ippropona l-użu ta' RTC bħala soluzzjoni. Dak iż-żmien kien espress it-tħassib li RTC tista' tillimita l-użu operattiv għal operazzjonijiet mhux kummerċjali. L-abbozz tar-regoli operattivi jipprevedi li l-inġenju tal-ajru jirrikjedi CofA jew CofA ristretta u ma jpoġġu l-ebda limitazzjoni ġenerika għat-tħaddim ħlief għal dawk inklużi fil-folja tad-dejta tiegħu. Għaldaqstant, l-użu ta' RTC ma jkollux konsegwenzi. Mhijiex prevista l-modifika retroattiva ta' TCDs eżistenti.

CS-VLA. Huwa ssuġġerit li CS-VLA tkun emendata għal 900kg b'mod konsistenti ma' CS-22.

*Tweġiba:* Dan il-kumment se jitqies fil-kompitu speċifiku tat-tfassil ta' regoli VLA.008.

(Paġna 11) M'hemmx appoġġ għal proċess ta' ċertifikazzjoni mnaqqas u ssimplifikat ta' partijiet ta' sostituzzjoni tal-bini "tad-dilettanti" huwa aċċettabbli fuq inġenji tal-ajru użati għal CAT.

*Tweġiba:* L-Aġenzija tibqa' tal-fehma li jinżamm livell adattat ta' sigurtà, u filwaqt li jitqies li dawn il-partijiet mhumiex struttura primarja, kontrolli tat-titjir, jew partijiet b'terminu tal-użu limitat.

(Paġna 14 fuq nett) Mhuwiex ċar kif l-EASA tista' taġixxi bħala 'rappreżentanta tal-Istat tad-Disinn għal inġenji tal-ajru ddisinjati fl-Istati Uniti tal-Amerika mingħajr trasferiment formali ta' TC u responsabilitajiet tad-disinn f'għajnejn l-ICAO.

*Tweġiba:* L-Aġenzija teħtieġ tesplora aktar il-kwistjoni tal-'Istat tad-Disinn' għaliex l-ambitu ta' US-LSA hija sa 600/650 kg u għaldaqstant dawn l-RTCs se jkunu mhux tal-ICAO għaliex il-minimu l-aktar baxx tal-Anness 8 Parti 5 huwa 750 kg u l-Anness 8 tal-ICAO jittratta biss maċ-Ċertifikati tat-Tip.

Is-CAA-NL għandha r-rimarki li ġejjin fuq it-test riżultanti tal-Parti 21:

**21A.98 Bidliet standard** Kif il-para (a) huwa fformulat issa, il-gliders u gliders bil-mutur b'MTOM > 2000 kg ma jistgħux jużaw il-bidliet standard waqt li ajruplani CS-23 jistgħu jużawhom sa MTOM < 5700kg. Tidher loġika li din il-possibilità ma tkunx inkluża għall-gliders u l-gliders bil-mutur kollha taħt il-5.7 tunnellati.

Test issuġġerit:

Applikabilità: Dan il-paragrafu huwa applikabbli biss għall-ajruplani b'Massa ta' Tluq Massima (MTOM) taħt 5700 kg, inġenji tal-ajru li jaħdmu bir-rotors b'MTOM taħt 3175 kg, gliders u gliders bil-mutur b'MTOM taħt 5700kg, u blalen tal-arja u airships kif iddefiniti fil-paragrafu 21A.14(b) jew 21A.14(c).

*Tweġiba:* L-Aġenzija ma tantiċipax bidliet standard applikabbli għal tali gliders u gliders bil-mutur li huma tant lil hinn mid-disinji tal-gliders attwali.

### **21A.307 Rilaxx ta' partijiet u tagħmir għall-installazzjoni.**

Il-bidla proposta għall-firxa tal-partijiet mingħajr Formola-1 tal-EASA mhijiex riflessa fit-test riżultanti ta' 21A.307(b) u (c).

*Tweġiba:* Aċċettata. Il-paragrafu (c) inżamm b'mod mhux korrett u se jitħassar.

### **21A.353 Eliġibilità**

Is-sentenzi ta' (b)5 u (b)6 mhumiex ċari.

Test issuġġerit:

(b) Għal Approvazzjoni ta' Organizzazzjoni tad-Disinn u l-Produzzjoni ikkombinati l-applikant għandu jkollu jew ikun applika għal:

5. għal ambitu ta' xogħol iddefinita, approvazzjoni taħt din is-Subparti hija adattata għall-finijiet tal-wiri ta' konformità ma' disinn speċifiku. Ħassar 6.

*Tweġiba:* Mir-reazzjonijiet għas-CRD u r-reazzjonijiet għall-konsultazzjoni interna għal din l-Opinjoni, l-Aġenzija kkonkludiet li s-Subparti-L ġdida għall-approvazzjoni ta' organizzazzjoni tad-disinn u l-produzzjoni kkombinati għandha tkun irtirata. Kien konkluż li dan ma jġibx benefiċċji waqt li fl-istess ħin l-għażla għal dawn l-approvazzjonijiet maħruġa mill-Aġenzija kienet diġà teżisti meta l-Artikolu 20(2)(b)(ii) tar-Regolament Bażiku l-appikazzjoni se tkun applikata.

### **21A.359 Sistema ta' Assigurazzjoni tad-Disinn**

(a) Is-sistema ta' assicurazzjoni tad-disinn għandha tkun sistema **ddokumentata**. Dañhal il-kelma 'ddokumentata' qabel sistema ta' assicurazzjoni tad-disinn fl-ewwel sentenza.

(a)2. Ir-responsabilitajiet li għandhom jitwettqu għandhom ikunu skont din il-Parti, kif għandhom ikunu ssodisfatti wkoll dawk ta' detentur tad-disinn, 21A.3 eċċ. Ħassar 'Sub' minn Subparti.

(b) It-test għall-ħruġ ta' dikjarazzjoni ta' konformità lill-Aġenzija għandu jkun inkluż hawn kif inhu fformulat f'21A.239(b). Din id-dikjarazzjoni hija rrekwiżita f'21A.381(b) u 21A.385(d).

*Tweġiba:* Mir-reazzjonijiet għas-CRD u r-reazzjonijiet għall-konsultazzjoni interna għal din l-Opinjoni, l-Aġenzija kkonkludiet li s-Subparti-L ġdida għall-approvazzjoni ta' organizzazzjoni tad-disinn u l-produzzjoni kkombinati għandha tkun irtirata. Kien konkluż li dan ma jġibx benefiċċji waqt li fl-istess ħin l-għażla għal dawn l-approvazzjonijiet maħruġa mill-Aġenzija kienet diġà teżisti meta l-Artikolu 20(2)(b)(ii) tar-Regolament Bażiku l-appikazzjoni se tkun applikata.

### **21A.361 Sistema ta' Kwalità tal-Produzzjoni**

(a) Is-sistema ta' kwalità għandha tkun sistema ddokumentata. Daħħal il-kelma 'ddokumentata' qabel sistema ta' kwalità fl-ewwel sentenza.

(b)(ix) Din tista' titħassar għaliex l-organizzazzjoni approvata hija l-applikant jew id-detentur tad-disinn.

(b) l-aħħar sentenza: Hawnhekk hawn biss referenza għal partijiet b'terminu tal-użu limitat fejn 21A.307 tagħti wkoll trattament speċjali lil partijiet ta' struttura primarja jew kontrolli tat-titjir, normalment iddefiniti bħala partijiet kruċjali.

*Tweġiba:* Mir-reazzjonijiet għas-CRD u r-reazzjonijiet għall-konsultazzjoni interna għal din l-Opinjoni, l-Aġenzija kkonkludiet li s-Subparti-L ġdida għall-approvazzjoni ta' organizzazzjoni tad-disinn u l-produzzjoni kkombinati għandha tkun irtirata. Kien konkluż li dan ma jġibx benefiċċji waqt li fl-istess ħin l-għażla għal dawn l-approvazzjonijiet maħruġa mill-Aġenzija kienet diġà teżisti meta l-Artikolu 20(2)(b)(ii) tar-Regolament Bażiku l-appikazzjoni se tkun applikata.

### **21A.363 Espożizzjoni**

Il-paragrafi kollha: Għall-konsistenza u ċ-ċarezza inkludi r-referenzi għall-paragrafi xierqa ta' 21A.365, kif isir f'21A.143.

(a)11. Deskrizzjoni tal-analiżi organizzattiva u s-sistema tal-'**kwalità**' u proċeduri assoċjati. Daħħal il-kelma 'kwalità'. Kif hemm imsemmi fil-paragrafu 4 f'paġna 8 tal-karta, l-ittaffar propost għall-parti tal-produzzjoni tal-approvazzjoni ma nżammx, u barra minn hekk f'21A.361 hija rrekwiżita sistema ta' kwalità.

*Tweġiba:* Mir-reazzjonijiet għas-CRD u r-reazzjonijiet għall-konsultazzjoni interna għal din l-Opinjoni, l-Aġenzija kkonkludiet li s-Subparti-L ġdida għall-approvazzjoni ta' organizzazzjoni tad-disinn u l-produzzjoni kkombinati għandha tkun irtirata. Kien konkluż li dan ma jġibx benefiċċji waqt li fl-istess ħin l-għażla għal dawn l-approvazzjonijiet maħruġa mill-Aġenzija kienet diġà teżisti meta l-Artikolu 20(2)(b)(ii) tar-Regolament Bażiku l-appikazzjoni se tkun applikata.

### **21A.365 Rekwiżiti ta' Approvazzjoni**

(c)2. Ħassar 'Sub' f'Subparti minħabba li l-organizzazzjoni għandha tibqa' f'konformità mar-rekwiżiti kollha tal-Parti 21.

*Tweġiba:* Mir-reazzjonijiet għas-CRD u r-reazzjonijiet għall-konsultazzjoni interna għal din l-Opinjoni, l-Aġenzija kkonkludiet li s-Subparti-L ġdida għall-approvazzjoni ta' organizzazzjoni tad-disinn u l-produzzjoni kkombinati għandha tkun irtirata. Kien konkluż li dan ma jġibx benefiċċji waqt li fl-istess ħin l-għażla għal dawn l-approvazzjonijiet maħruġa mill-Aġenzija kienet diġà teżisti meta l-Artikolu 20(2)(b)(ii) tar-Regolament Bażiku l-appikazzjoni se tkun applikata.

### **21A.367 Bidliet għall-Organizzazzjoni Approvata**

(a) Wara l-ħruġ tal-approvazzjoni ta' organizzazzjoni, kull bidla għall-organizzazzjoni, partikularment bidliet għall-assigurazzjoni tad-disinn jew l-analiżi organizzattiva u s-sistemi ta' **Kwalità**. Daħħal il-kliem 'u kwalità', ir-raġuni ara taħt 21A.363(b)11.

Daħħal it-test ta' 21A.147(b), minħabba li CA jew l-Aġenzija jistgħu jkunu jixtiequ li jużaw din il-possibilità matul il-bidliet tal-organizzazzjoni.

*Tweġiba:* Mir-reazzjonijiet għas-CRD u r-reazzjonijiet għall-konsultazzjoni interna għal din l-Opinjoni, l-Aġenzija kkonkludiet li s-Subparti-L ġdida għall-approvazzjoni ta' organizzazzjoni tad-disinn u l-produzzjoni kkombinati għandha tkun irtirata. Kien konkluż li dan ma jgħibx benefiċċji waqt li fl-istess ħin l-għażla għal dawn l-approvazzjonijiet maħruġa mill-Aġenzija kienet diġà teżisti meta l-Artikolu 20(2)(b)(ii) tar-Regolament Bażiku l-appikazzjoni se tkun applikata.

### **21A.381 Privileġġi tad-Disinn**

Is-sentenzi ta' (c)4 u 5 mhumiex ċari.

(c)6 mhijiex konformi ma' 21A.710(a). It-test għandu jkun emendat f'konformità ma' 21A.263(c)6 u 7.

(d) Din il-parti tista' titħassar għax dan huwa rregolat f'21A.47.

*Tweġiba:* Mir-reazzjonijiet għas-CRD u r-reazzjonijiet għall-konsultazzjoni interna għal din l-Opinjoni, l-Aġenzija kkonkludiet li s-Subparti-L ġdida għall-approvazzjoni ta' organizzazzjoni tad-disinn u l-produzzjoni kkombinati għandha tkun irtirata. Kien konkluż li dan ma jgħibx benefiċċji waqt li fl-istess ħin l-għażla għal dawn l-approvazzjonijiet maħruġa mill-Aġenzija kienet diġà teżisti meta l-Artikolu 20(2)(b)(ii) tar-Regolament Bażiku l-appikazzjoni se tkun applikata.

### **21A.383 Privileġġi tal-Produzzjoni**

(c) Ir-referenza għal 21A.307 għandha titħassar f'21A.163(c).

(e) Din għandha tinkludi wkoll il-privileġġi biex jinħareġ PtF. It-test għandu jkun emendat f'konformità ma' 21A.163(e). Din tnissel ukoll bidla għal 21A.711 biex tinkludi referenza għal dan il-paragrafu.

*Tweġiba:* Mir-reazzjonijiet għas-CRD u r-reazzjonijiet għall-konsultazzjoni interna għal din l-Opinjoni, l-Aġenzija kkonkludiet li s-Subparti-L ġdida għall-approvazzjoni ta' organizzazzjoni tad-disinn u l-produzzjoni kkombinati għandha tkun irtirata. Kien konkluż li dan ma jgħibx benefiċċji waqt li fl-istess ħin l-għażla għal dawn l-approvazzjonijiet maħruġa mill-Aġenzija kienet diġà teżisti meta l-Artikolu 20(2)(b)(ii) tar-Regolament Bażiku l-appikazzjoni se tkun applikata.

### **21A.385 Obbligi tad-Detentur**

(j)1 Jekk jogħġbok ibdel il-bidu għal: 'Is-sistema taħt (i) għandha tinkludi l-każijiet kollha fejn ..... Minħabba li l-organizzazzjoni hija kemm id-detentur tad-disinn kif ukoll l-organizzazzjoni tal-produzzjoni mela din hija kwistjoni interna.

(j)2 minn 'Fejn id-detentur tal-...ikkombinati.....' dan ma jstax ikun il-każ u għaldaqstant it-test minħabba li din l-approvazzjoni hija eliġibbli biss għal organizzazzjonijiet li huma detenturi ta' jew applikaw għal approvazzjoni tad-disinn. Jekk jogħġbok ħassar it-test.

(k) jekk jogħġbok ħassar, mhux possibbli.

(n) ir-referenza għal 21A383(f) mhijiex korretta, (f) ma teżistix.

(o) jekk jogħġbok daħħal it-test tal-21A165(k) attwali. Dan huwa meħtieġ qabel ikun jista' jinħareġ PtF.



Tweġiba: Mir-reazzjonijiet għas-CRD u r-reazzjonijiet għall-konsultazzjoni interna għal din l-Opinjoni, l-Aġenzija kkonkludiet li s-Subparti-L ġdida għall-approvazzjoni ta' organizzazzjoni tad-disinn u l-produzzjoni kkombinati għandha tkun irtirata. Kien konkluż li dan ma jġibx benefiċċji waqt li fl-istess ħin l-għażla għal dawn l-approvazzjonijiet maħruġa mill-Aġenzija kienet diġà teżisti meta l-Artikolu 20(2)(b)(ii) tar-Regolament Bażiku l-appikazzjoni se tkun applikata.

### **21A.436 Tiswijiet standard**

Ara r-rimarka taħt 21A.98.

Tweġiba: Mhux aċċettata. Ara t-tweġiba għal 21A.98.

### **21A.711(b) u (c)**

Referenza għal 21A.381 u 21A.385 għandha tkun inkluża.

Tweġiba: L-Aġenzija ddeċidiet li tirtira l-proposta ta' Subparti-L. Għaldaqstant il-kumment m'għadux aktar rilevanti.

(4) DGAC ta' Franza

Għall-bidu tal-eżerċizzju, DGAC-France appoġġjat b'mod qawwi l-proġett ELA. DGAC-Franza hija ferħana ħafna li qrat is-CRD 2008-07 Parti I u tappoġġja l-proposti tal-EASA.

L-ELA hija mistennija mill-komunità kollha tal-Avjazzjoni ġenerali. Minħabba li diġà bdew xi programmi ELA, ir-regola, il-proċedura taċ-ċertifikazzjoni u l-AMC huma meħtieġa malajr kemm jista' jkun biex tkun żgurata l-fattibilità ta' dawn il-programmi u l-istandardizzazzjoni fl-Ewropa.

Tweġiba: L-Aġenzija tiżzi ħajr lil DGAC ta' Franza għall-appoġġ tagħha. Lista ta' azzjonijiet li jeħtieġu li jkunu konklużi, ipprovduta minn DGAC-France, se tintuża biex ikun organizzat is-segwitu ta' MDM.032 u BR.010.

Fil-paġna 5/28, hemm miktub li t-TCH trid tapplika għas-sistema ELA. Nifhmu l-kunċett għall-prodotti l-ġodda. Madankollu, il-possibilità li tintuża r-regola ELA għandha titħalla għas-sid ta' inġenju tal-ajru għal prodotti użati.

Tweġiba: Din l-osservazzjoni hija korretta u l-kliem propost fil-Parti-21 ma jirrestrinġix l-applikabilità għal inġenji tal-ajru ġodda jew TCH biss.

Kundizzjonijiet tekniċi għall-Magna u l-iskrejjien

Fil-paġna 5/28, (a) 2, huma nnotati imma ma jeżistux. Għall-istandardizzazzjoni, iridu jkunu ppubblikati mill-EASA.

Tweġiba: Aċċettata. Fil-firxa tal-kompitu tal-fażi 2 dawn ir-rekwiżiti tekniċi jridu jkunu speċifikati u ppubblikati. Illum huma jeżistu biss għall-gliders u VLA fil-kodiċi tal-ajrunavigabilità rispettivi. (Subparti H u J għal CS-22 u referenza fis-CS-VLA għal dawn is-Subpartijiet)

Armonizzazzjoni CS-VLA/CS-22

Fil-paġni 6/28 u 7/28, (b) 2 (it-2ni u r-4ba punti), naqraw xi limitu tal-piż maw differenti għal CS-VLA u CS-22. Dawn għandhom ikunu armonizzati għal 900 kg.

Tweġiba: Dan il-kumment se jkun indirizzat fil-kompitu speċifiku tat-tfassil ta' regoli.

(5) Federazzjoni Ewropea tal-Inġenji tal-Ajru Sperimentali Ħfief u Antiki (EFLEVA)

L-EFLEVA tistqarr li huwa diffiċli li tikkumenta għas-CRD Parti I mingħajr il-kummenti ddettaljati.

Il-kompitu BR.010 tal-fażi 2 huwa appoġġjat madankollu huwa tard wisq għal dan.

Huwa appoġġjat li t-TC mhuwiex irrekwiżit għall-magni u l-iskrejjen għal ċerti inġenji tal-ajru ELA. EFLEVA taqbel ma' u tilqa' tajjeb il-proposta li jżied il-limitu ta' fuq ta' ELA1 għal 1200 kg.

EFLEVA tappoġġja l-introduzzjoni ta' dawn is-CS ġodda u r-reviżjonijiet tas-CS eżistenti. Madankollu, sar enfasi li l-industrija teħtieġ li dawn is-CS jinħarġu qabel u mhux wara.

EFLEVA tilqa' tajjeb is-suġġeriment tal-Aġenzija li tippermetti mezzi ssimplifikati ta' konformità mal-Parti-21 subparti J, għax dan jillimita l-involviment irrekwiżit mill-Aġenzija fl-approvazzjoni tal-bidliet u t-tiswijiet, u b'hekk tgħin fil-piż tal-ispejjeż.

EFLEVA taqbel mal-kunċett ta' ċertifikazzjoni DOA/POA kkombinata jekk dan inaqqas il-piż tal-ispiża fuq il-kumpaniji żgħir tad-disinn / produzzjoni.

EFLEVA tappoġġja l-kunċett ta' Entitajiet Ikkwalifikati li jkunu allokati kompiti speċifiċi ta' ċertifikazzjoni. Madankollu EFLEVA hija kkonċernata li l-proċess tas-sejħiet għall-offerti permezz ta' notifikazzjoni fuq il-websajt tal-EASA mhuwiex adegwat, u se jkunu rrekwiżiti aktar mezzi biex ikunu nnotifikati l-applikanti potenzjali.

EFLEVA tappoġġja l-intenzjoni tal-Aġenzija li tarmonizza r-regolamenti mal-Istati Uniti dwar irrekwiżiti tal-ajrunavigabilità inizjali għal Inġenji tal-Ajru tal-Isports Ħfief. Madankollu, il-proposti fis-CRD juru li r-rotta għall-ajruplani tal-UE biex ikunu esportati lejn l-Istati Uniti hija relattivament dritta, waqt li l-ajruplani mill-Istati Uniti jġarrbu rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni addizzjonali meta jkunu esportati lejn l-UE. Dan se jżid spejjeż addizzjonali għall-produtturi Amerikani, u jżidu ostaklu mhux meħtieġ għall-bejgħ tal-ajruplani tal-Istati Uniti fl-UE.

EFLEVA tilqa' tajjeb il-proposta li tkun introdotta CS ġdida għal Bidliet u Tiswijiet Standard ibbażata fuq (AC)43-13. Għal darb'oħra l-EFLEVA tkegġeg lill-Aġenzija biex tintroduċi din is-CS malajr, għaliex dan se jgħin sabiex jonqsu/jkunu eliminati l-ispejjeż tal-approvazzjoni għal bidliet u tiswijiet.

*Tweġiba:* L-Aġenzija tiżzi ħajr lill-kummentatur għall-appoġġ tiegħu u pproponiet il-kompiti ta' segwitu differenti (pereżempju MDM.032(d) u BR.010) skont il-pjan tat-tfassil ta' regoli ppubblikata. Kull fejn ikun possibbli, aħna nesploraw modi kif naċċelleraw dawn il-kompiti.

#### (6) Manifatturi Ewopej tal-Gliders

Il-Manifatturi Ewopej tal-Gliders jesprimu d-diżappunt tagħhom minħabba l-bidla proposta attwali li tirriżulta mill-kompitu MDM.032 li tawwal wisq u ma jiksibx il-mira finali li hija meħtieġa b'mod urġenti mill-GA.

Għal darb'oħra qed jiġi mlissen li xi ħaġa jeħtieġ li ssir dwar ir-regolament tad-Drittijiet u l-Ħlasijiet għall-GA, minħabba li din hija ta' ħsara għan-negozju tal-GA.

**Wiri tal-kapaċità għad-disinn.** L-għażliet attwali; il-Programm ta' Ċertifikazzjoni, il-proċeduri alternattivi għal DOA (APDOA) u DOA sħiħa mhumiex mibdula b'din il-proposta u għaldaqstant ma jipprovdwx ittaffar għall-industrija. DOA sħiħa għadha meqjusa bħala għolja wisq fl-ispejjeż biex tintlaħaq u għaldaqstant huwa propost li jingħataw xi privileġġi lil APDOA li jkunu inċentiv li l-bidu jsir b'APDOA u forsi wara tkun imtella' l fuq għal DOA sħiħa.

*Tweġiba:* L-Aġenzija tirrikonoxxi l-kwistjoni li l-implimentazzjoni attwali tar-rekwiżiti ta' organizzazzjoni tad-disinn tista' tkun ta' piż kbir wisq għal organizazzjoni tal-GA. Għaldaqstant l-Aġenzija tipproponi fis-CRD 2008-07 li tiżviluppa AMC għad-DOA li tagħmel il-wiri tal-konformità aktar faċli. Il-benefiċċju jkun li privileġġi sħaħ ikunu disponibbli għall-organizzazzjoni tad-disinn approvata.

**Bidliet u tiswijiet standard.** L-introduzzjoni ta' Bidliet u tiswijiet standard hija appoġġjata madankollu l-ħtieġa ta' CS ġodda għadha mhijiex mifhuma b'mod sħiħ. L-introduzzjoni għandha tkun malajr kemm jista' jkun u prammatika. Il-Manifatturi Ewopej tal-Gliders joffru appoġġ għal dan ix-xogħol.

*Tweġiba:* L-Aġenzija tipproponi l-introduzzjoni ta' CS ġodda li jkopru t-tibdiliet u t-tiswijiet standard b'dejta mill-AC 43-13 tal-FAA. L-istatus legali, madankollu, mhuwiex bħaċ-Ċirkulari Konsultattiva tal-FAA għaliex is-CS se jkun fihom tiswijiet u tibdiliet iddettaljati li ma jirrikjedux proċess ta' approvazzjoni. Il-proċess biex ikunu żviluppanti u maħruġa dawn is-CS jista' jidher burokratiku; madankollu dawn jippermettu lill-Aġenzija li tippubblika disinji approvati fi ħdan il-kompetenza tal-Aġenzija li jistgħu jkunu implimentati mingħajr il-ħtieġa ta' approvazzjoni għal kull tiswija jew bidla standard individwali. Dan huwa meqjus illi jipprovdni implimentazzjoni aktar faċli.

**Bidliet fis-CS-LSA.** L-introduzzjoni ta' CS speċifiċi bbażati fuq l-istandards ASTM għal inġenji tal-ajru LSA hija appoġġjata. Din il-Kodiċi l-ġdida għandha tkun applikabbli b'mod ċar għal dawn l-inġenji tal-ajru u mhux toħloq ambigwiżità fl-ambitu tal-applikabilità ta' kodiċi tal-ajrunavigabilità eżistenti oħra bħal cs-VLA jew CS-22.

*Tweġiba:* CS-LSA hija applikabbli biss għall-ajruplani u għaldaqstant mhijiex applikabbli għall-gliders. Ajruplani LSA huma min-natura tagħhom ajruplani bil-magna li jista' jkun li għandhom karatteristiċi tal-gliding tajbin imma mhumiex iddisinjati għal dak il-għan.

**Entitajiet Ikkwalifikati.** Ilment ċentrali u importanti tal-manifatturi tal-gliders huwa n-nuqqas ta' persunal fi ħdan l-EASA u l-NAA akkreditati li għandhom fehim profond tal-avjazzjoni żgħira.

Spiss il-problemi tal-manifatturi fil-komunità tagħna ma jiġux minn leġiżlazzjoni ħażina imma l-applikazzjoni ħażina tar-regolamenti. Il-QE jidhru bħala soluzzjoni potenzjali għal dan in-nuqqas ta' attitudni u tagħrif speċifiċi rigward l-avjazzjoni żgħira. Dawn li ġejjin għandhom ikunu r-rekwiżiti għall-QE:

- din l-organizzazzjoni jrid ikollha esperjenza / l-isfond fl-avjazzjoni żgħira
- jekk ikun meħtieġ il-lingwa għandha tkun l-istess bħall-ilsien nattiv tal-applikant
- ix-xejra lejn saħansitra aktar proċessi tal-karti u proċessi amministrattivi trid tkun imreġġa' lura
- is-separazzjoni tal-kompiti u l-approvazzjonijiet trid tingħeleb
- idealment l-organizzazzjoni tkun tista' tissorvelja l-prodotti u l-organizzazzjonijiet kollha fi ħdan l-istess kumpanija
- jekk ikun possibbli l-applikant għandu jkollu d-dritt li jagħżel fejn għandhom isiru dawn il-kompiti
- u l-aħħar imma mhux l-inqas: l-ispejjeż iridu jkunu jistgħu jintlaħqu meta jitqabblu mal-prezzijiet ta' prodotti tipiċi

*Tweġiba:* Aħna nirrikonoxxu l-inċertezza rrelatata mal-proċess ta' QE għall-Aġenzija u għaldaqstant nipproponu l-AMC issimplifikata għall-istruttura regolatorja attwali ta' DOA bħala soluzzjoni rapida. Ir-rekwiżiti kif jissemmew hawn fuq huma simili għall-kunċett bażiku mogħti fl-NPA u jenfasizzaw il-benefiċċji potenzjali jinkisbu mill-użu tal-QE.

**Partijiet mingħajr il-Formola 1.** Il-manifatturi jilqgħu tajjeb il-flessibilità addizzjonali ta' dan il-kunċett imma dan jiddependi b'mod qawwi fuq l-AMC li tispeċifika b'mod iddettaljat kif tintwera l-konformità mad-dejta approvata. Il-Manifatturi Ewopej tal-Gliders joffru appoġġ għall-iżvilupp ta' din l-AMC.

*Tweġiba:* L-offerta li jingħata appoġġ lill-Aġenzija hija apprezzata.

**Glider mhuwiex ajruplan.** Il-manifatturi tal-gliders huma tal-opinjoni li l-ispjegazzjoni li glider mhuwiex ajruplan u għaldaqstant mhuwiex "inġenju tal-ajru bil-magna kumpless" għandha tkun inkluża f'din l-opinjoni minflok tinbidel id-definizzjoni fil-BR.

*Tweġiba:* Nifhmu l-possibilità ta' din l-interpretazzjoni għall-gliders bil-ġett; u se nqisu kjarifika permezz ta' AMC għall-Parti-21. (Irreferi għall-kompitu MDM.032(d)).

**TC ta' inġenju tal-ajru mingħajr TC għall-magna u/jew l-iskrun.** L-opinjoni għal TC ristrett hija appoġġjata; madankollu TC sħiħ għandu jkun possibbli għall-gliders b'magni u skrejjen mhux iċċertifikati. Dan jippromwovi l-iżvilupp ta' propulsjonijiet aktar effiċjenti u b'inqas storbu.

*Tweġiba:* Dan se jitqies bħala parti mill-kompitu BR.010.

(7) FAA

L-FAA analizzat is-CRD u m'għandhiex kummenti.

*Tweġiba:* Innotat.

(8) Fédération Française de Vol à Voile (FFVV)

**Partijiet mingħajr Formola 1.** Il-possibilità għall-inġenji tal-ajru ELA1 għandha tkun estiża għal klabbs bis-sjieda tal-gliders, u mhux għas-sidien biss.

*Tweġiba:* Interpretazzjoni simili kif użata fil-Parti-M tista' tkun introdotta fl-AMC.

**Entitajiet ikkwalfikati.** Il-FFVV għandha l-intenzjoni li ssir QE għall-gliders b'firxa speċifika meta din issir disponibbli. Il-FFVV għandha tħassib u ideat speċifiċi dwar l-implimentazzjoni li għandhom jappoġġjaw is-sigurtà u jnaqqsu l-burokrazija.

*Tweġiba:* Aħna nirrikonoxxu l-inċertezza rrelatata mal-proċess ta' QE għall-Aġenzija u għaldaqstant nipproponu l-AMC ssimplifikata għall-istruttura regolatorja attwali ta' DOA bħala soluzzjoni rapida.

(9) Uffiċċju Federali tal-Avjazzjoni Ċivili (FOCA), l-Iżvizzera

**Entitajiet ikkwalfikati.** Gwida komprensiva u mingħajr ambigwiżà rigward il-kompetenzi rrekwiżiti biex jitwettqu l-kompiti ta-ċertifikazzjoni hija rrekwiżita. Rigward il-"konferma tal-funzjoni tal-konformità" (ekwivalenti għall-funzjoni CVE), il-kwalifiki u r-responsabilitajiet irrekwiżiti jridu jkunu iddefiniti f'AMC/GM.

*Tweġiba:* Aħna nirrikonoxxu l-inċertezza rrelatata mal-proċess ta' QE għall-Aġenzija u għaldaqstant nipproponu l-AMC ssimplifikata għall-istruttura regolatorja attwali ta' DOA bħala soluzzjoni rapida.

**Bidliet fis-CS-LSA.** Il-kontenut preċiż ta' CS-LSA mhuwiex magħruf, madankollu l-FOCA għandha kummenti ddettaljati fir-rigward tal-istandards ASTM imsemmija fl-NPA li huma mogħtija b'aktar dettal f'din ir-reazzjoni.

*Tweġiba:* Is-CS-LSA hija mibnija fuq l-istandard ASTM applikabbli kompluta bir-rekwiżiti u AMC li tgħin fil-wiri tal-konformità. Is-CS-LSA hija parti mis-CRD 2008-07 Parti II.

Il-FOCA għandha r-rimarki li ġejjin fuq it-test riżultanti tal-Parti 21:

21A.14

a) It-test kurrenti fil-Parti 21, 21A.14(b) huwa "...skrun bil-piċċ fiss jew aġġustabbli".

It-test imħassar fis-CRD huwa "...skrun bil-piċċ fiss jew varjabbli"

It-test ġdid fis-CRD huwa "...skrun bil-piċċ fiss jew varjabbli"

It-test fis-CRD għandu jkun konsistenti mat-test attwali fil-Parti 21.

*Twēgiba: Aċċettata. Il-bidla fil-Parti-21 introdotta mir-Regolament li jemenda 1194/2009 ma kinitx inkorporata fis-CRD.*

b) 21A.14(b) u 21A.14(c) proposti jispeċifikaw l-applikabilità għall-ajruplani b'MTOM ta' inqas minn 2000 Kg / 1200 Kg mhux ikklassifikati bħala "inġenji tal-ajru bil-magna kumplessi". Madankollu, fuq il-bażi ta' BR Art. 3(j), l-ajruplani b'MTOM ta' anqas minn 2000 Kg / 1200 Kg awtomatikament jikkwalifikaw bħala "inġenji tal-ajru bil-magna mhux kumplessi". Huwa propost li jitneħħa t-test "li mhux ikklassifikat bħala inġenju tal-ajru bil-magna kumpless" minn 21A.14(b) u 21A.14(c)".

*Twēgiba: Ir-referenza għal inġenji tal-ajru bil-magna kumplessi għandha tinżamm minħabba li propulsjoni bil-ġett waħedha hija biżżejjed biex tikkwalifika bħala 'kumplessa'.*

c) 21A.14(c) proposta tinkludi:

7. magna bil-pistins;

9. skrun;

Dan huwa rilassament sinifikanti tar-rekwiżit attwali minħabba li jidher li l-wiri tal-kapaċità għaċ-ċertifikazzjoni ta' dawn il-prodotti tkun limitata għall-approvazzjoni ta' programm ta' ċertifikazzjoni, tkun xi tkun, pereżempju, il-qawwa tal-magna jew it-tip ta' kostruzzjoni tal-iskrun (jidher li magna bil-pistins tista' tkun iċċertifikata skont id-dispożizzjonijiet ta' 21A.14(c) u mbagħad installata fuq inġenju tal-ajru li għandu MTOM > 1200 Kg). Inqisu li dan mhux adegwat u li l-applikabilità ta' 21A.14(c) 7. u 9. għandha tkun limitata.

*Twēgiba: Aċċettata.*

21A0.307(b) u (c)

a) 21A.307 (b) u (c) jidhru li huma kontradittorji: it-test irid jinbidel jew ikun iċċarat.

b) It-test propost jispeċifika li r-rekwiżit huwa limitat għal każijiet "taħt ir-responsabilità ta' sid l-inġenju tal-ajru meta installat fl-inġenju tal-ajru tiegħu". Din id-dikjarazzjoni tnissel mistoqsijiet differenti

Din il-kundizzjoni timponi limitazzjonijiet fuq min jingħata permess li jtajjar l-inġenju tal-ajru?

X'jista' jkun ir-rekwiżit applikabbli għal inġenju tal-ajru b'MTOM sa 1200 Kg imtajjar fi skola tat-titjir? 21A.307(a)?

Jekk iva, dan jitqies bħala mhux adegwat minħabba li l-intenzjoni għandha tkun li jkun hemm il-mezzi biex ikun iddikjarat li prodott "kien immanifatturat f'konformità mad-dejta tad-disinn approvat u jinsab f'kundizzjoni li jitthaddem b'mod sikur" mingħajr l-impożizzjoni ta' prerekwiżiti ta' piż għall-ħruġ ta' Formola 1 tal-EASA.

21A.307 (c) proposta tippermetti kwalunkwe parti (inklużi partijiet u tagħmir b'terminu tal-użu limitat, partijiet mill-istruttura primarja u partijiet tal-kontrolli tat-titjir) li jiġu "prodotti f'konformità mad-dejta tad-disinn approvat taħt ir-responsabilità ta' sid l-inġenju tal-ajru meta installata fl-inġenju tal-ajru tiegħu" Għalkemm nifhmu l-intenzjoni wara dan ir-rekwiżit, inqisu li f'din il-forma jmur lil hinn mill-intenzjoni inizjali li jagħti xi livell ta' ttaffar. L-approċċ propost jitqies bħala sproporzjonat minħabba li jew 21A.307(a) tapplika (u tistabbilixxi rekwiżit għoli wisq għal xi każijiet), jew 21A.307(c) tapplika u tippermetti livell baxx ħafna ta' konformità bbażata fuq il-propożizzjoni tar-"responsabilità tas-sid". Ir-riskju huwa li jkun hemm sistema korretta

güridikament (responsabilità tas-sid) imma dubjuża mill-perspettiva tas-sigurtà: f'dan l-ambitu l-effikaċja tal-Analiżi tal-Ajrunavigabilità għall-finijiet ta' konformità hija dubjuża minħabba li, pereżempju, l-analiżi tista' titwettag xi żmien wara li l-partijiet ikunu ġew installati u l-firxa tal-verifika matul l-analiżi tkun limitata.

Dan li ġej huwa propost::

— iddefinixxi t-taffija ta' 21A.307 (a) mhux limitat għal partijiet "prodotti f'konformità mad-dejta tad-disinn approvat taħt ir-responsabilità ta' sid l-inġenju tal-ajru meta installata fl-inġenju tal-ajru tiegħu";

— għal partijiet u tagħmir b'terminu tal-użu limitat, partijiet mill-istruttura primarja u partijiet tal-kontrolli tat-titjir "prodotti f'konformità mad-dejta tad-disinn approvat taħt ir-responsabilità ta' sid l-inġenju tal-ajru meta installata fl-inġenju tal-ajru tiegħu" l-Aġenzija/Entità Kkwalfikata trid tkun involuta fil-konformità. F'dan il-kuntest huwa propost li tkun adottata d-definizzjoni tal-FAA ta' Parti Prodotta mis-Sid/Operatur kif previst minn AC 20-62:

Sid/Operatur jitqies produttur ta' parti, jekk is-sid ipparteċipa fil-kontroll tad-disinn, il-manifattura, jew il-kwalità tal-parti. Il-parteċipazzjoni fid-disinn tal-parti tista' tinkludi s-supervizzjoni tal-manifattura tal-parti jew il-provvediment lill-manifattur b'dan li ġej: id-dejta tad-disinn, il-materjali li bihom tinħadem il-parti, il-proċessi tal-fabrikazzjoni, il-metodi tal-assemblaġġ, jew il-proċeduri tal-kontroll tal-kwalità.

— Għal tagħmir IFR li l-funzjoni tiegħu tista' tkun ikklassifikata bħala kruċjali (kundizzjonijiet ta' falliment ikklassifikati bħala Perikolużi jew Katastrofiċi) għandu jkun applikat l-istess prinċipju użat għal partijiet u tagħmir b'terminu tal-użu limitat, partijiet mill-istruttura primarja u partijiet tal-kontrolli tat-titjir.

— Għandu jittieħed vantaġġ mill-approvazzjonijiet ta' organizzazzjoni tal-produzzjoni/manutenzjoni nazzjonali sakemm is-sistema tal-assigurazzjoni tal-kwalità tal-manifattur hija disponibbli (ara wkoll 21A.439) jew taffija tista' tingħata fil-każ ta' produzzjoni fi kwantità limitata, sakemm id-dejta approvata tintuża għall-manifattura u l-konformità mad-dejta tad-disinn approvata hija stabbilita b'mod aċċettabbli għall-Aġenzija/Entità Kkwalfikata li għandha tkun mgħarrfa dwar il-proċess ta' produzzjoni sabiex livell adegwat ta' involviment (pereżempju l-ħtieġa għal spezzjonijiet dwar il-konformità) tista' tkun iddeterminata.

— 21A.307 trid tqis l-ittaffar potenzjali applikabbli għal inġenji tal-ajru orfni (ara kumment addizzjonali fi tmiem dan id-dokument).

*Tweġiba: Paragrafu 21A.307 tfassal mill-ġdid biex juri l-intenzjoni b'mod aktar ċar. Mhuwiex aċċettat li tinbidel il-filosofija; u s-sid ikun iddefinit bħala l-produttur tal-parti. Huwa s-sid li jista' jqis parti mingħajr il-Formola 1 tal-EASA bħala eliġibbli għall-installazzjoni sakemm il-kriterji msemmija jkunu ssodisfatti. Għandu jkun ċar ukoll li dan huwa possibbli biss meta l-partijiet huma identifikati u installati fl-inġenji tal-ajru tagħhom stess.*

*Fir-rigward tal-punt dwar it-tagħmir IFR, referenza għal tagħmir rekwiżit mill-operat u ATM se jitqies fil-kompitu tat-tfassil ta' regoli 21.026 'Kategoriji ġodda ta' partijiet li għalihom il-Formola 1 mhijiex rekwiżita' li se jibda kmieni fl-2011.*

Bidliet standard

Huwa rrakkomandat li jitqies ukoll il-materjal ta' gwida li hemm fl-AC 23-27 tal-FAA "Partijiet u materjali ta' sostituzzjoni għal inġenji tal-ajru antik": dan huwa ta' għajnuna partikulari għal inġenji tal-ajru orfni.

*Tweġiba: Inġenji tal-ajru antiki jew storiċi mhumiex parti mill-mandat tal-EASA. Inġenji tal-ajru orfni mhumiex is-suġġett ta' din l-NPA.*

Is-CRD tindika li "Għaldaqstant it-tibdiliet u t-tiswijiet standard fis-CS huma attwalment dejta approvata li organizzazzjoni tal-manutenzjoni tista' tuża skont il-Parti-M." X'inhi r-raġuni li l-użu tat-tiswijiet standard ikun limitat għal "organizzazzjoni tal-manutenzjoni"? L-intenzjoni għandha tkun li jkun hemm ukoll kompiti magħżula li jistgħu jitwettqu mis-sidien/bdot.

*Tweġiba: Naqblu li din id-dikjarazzjoni hija ristretta wisq. Ir-rekwiżiti tal-Parti-M u l-Part-145 ġew ikkontrollati u mibdula (ara l-abbozz ta' emenda għal 2042/2003 konnessa ma' din l-Opinjoni) fejn kien meħtieġ biex jintwera li din hija wkoll dejta approvata u tista' tintuża f'konformità mar-rekwiżiti tal-Parti-M jew il-Parti-145.*

AFM/AFMS u ICA

AMC/GM titqies meħtieġa biex ikun żgurat li jinkiseb standard minimu kemm għall-ħruġ inizjali u għar-reviżjonijiet. Għandha tingħata wkoll gwida fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-bidliet tal-AFM partikolarment għal dawk l-applikanti li se jagħżlu li jkun konformi ma' 21A.14(b) u (c). Għandha tingħata wkoll gwida fir-rigward ta' 21A.381(c) 4 u 5.

*Tweġiba: L-ICA huma s-suġġett ta' komputu kontinwu speċifiku (MDM.056). Għandu jkun innotat li l-Opinjoni 01/2010 introduċiet għad-DOA kollha l-possibilità li tapprova ċerti bidliet fl-AFM. GM għall-klassifikazzjoni tal-bidliet għall-AFM se jkun ppubblikati b'Deċiżjoni li tirriżulta mill-NPA16-2006.*

21A.367(a)

Materjal ta' gwida huwa meħtieġ biex ikun iddefinit b'mod ċar x'għandu jitqies bħala bidla sinifikanti.

*Tweġiba: L-Aġenzija ddeċidiet li tirtira l-proposta ta' Subparti-L. Għaldaqstant il-kumment m'għadux aktar rilevanti.*

21A.377(c)2

It-tul taż-żmien tal-azzjoni korrettiva mogħti mhuwiex konformi mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1194/2009 tat-30 ta' Novembru 2009.

*Tweġiba: L-Aġenzija ddeċidiet li tirtira l-proposta ta' Subparti-L. Għaldaqstant il-kumment m'għadux aktar rilevanti.*

21A.381(d)

Dan ir-rekwiżit huwa meħtieġ? Dan mhuwiex diġa kopert mir-rekwiżiti għat-trasferiment TC/STC?

*Tweġiba: L-Aġenzija ddeċidiet li tirtira l-proposta ta' Subparti-L. Għaldaqstant il-kumment m'għadux aktar rilevanti.*

21A.439 u 21A.441

Ittaffar għal partijiet prodotti mis-sid għandu jkun iddefinit mill-inqas għal dawk il-każijiet li jinsabu taħt bidliet standard.

*Tweġiba: Mhux Aċċettata. Il-produzzjoni tal-partijiet u r-rilaxx tal-partijiet mhumiex konnessi. Il-partijiet aċċettabbli mingħajr Formola 1 tal-EASA skont 21A.307(b) jew f'dan is-sens partijiet ta' tiswija jew bidla standard jistgħu mid-definizzjoni ma jkunux prodotti mis-sid. Ir-rekwiżiti eżistenti previsti fil-Parti-M u l-Parti-145 jibqgħu applikabbli.*

Inġenji tal-ajru orfni

Għakemm l-NPA ma kinitx oriġinarjament intenzjonata li tkopri kwistjonijiet li jaffettwaw l-inġenji tal-ajru orfni, huwa rakkomandat li jittieħed vantaġġ minn din l-attività tat-tfassil ta' regoli biex tkun iddefinita gwida speċifika għal dawk l-inġenji tal-ajru. Uħud mill-kwistjonijiet li għandhom ikunu indirizzati jinkludu dawn li ġejjin:

— Gwida għall-identifikazzjoni ta' partijiet u materjali għas-sostituzzjoni (ref. għal AC 23-27 tal-FAA "Partijiet u materjali ta' sostituzzjoni għal inġenji tal-ajru antiki"):

— Sostituzzjonijiet ta' partijiet/materjali jistgħu jkunu ġew approvati preċedentement fuq inġenji tal-ajru ta' tip simili. Jekk l-installazzjoni (u, jekk applikabbli, il-manifattura) titlesta b'mod konsistenti ma' approvazzjoni preċedenti, dawk l-approvazzjonijiet jistgħu jintużaw bħala bażi għall-approvazzjoni fuq inġenju tal-ajru simili. Madankollu, f'dan il-każ, l-applikant irid ikollu d-dejta kollha tal-approvazzjonijiet preċedenti, inklużi kwalunkwe struzzjonijiet għall-ajrunavigabilità kontinwa, jew jiżviluppa kwalunkwe dejta nieqsa permezz ta' appoġġ minn entità rrikonossuta (pereżempju entità kkwalfikata, DOA/ADOA, eċċ.). Bħala alternattiva l-Aġenzija/Entità Kkwalfikata se tevalwa l-kompetenza tal-applikant, billi tevalwa li huwa għandu tagħrif sod tal-prinċipji tad-disinn inkorporati fit-tip tal-inġenju tal-ajru li qed jiġi mmodifikat jew imsewwi.

— L-ewwel nett il-partijiet għat-tiswija konformi mat-TC diffiċli biex issibhom (kwantitajiet żgħar, proċess tal-produzzjoni li jirrikjedi żmien twil, kwistjonijiet ta' partijiet skaduti, eċċ.), biex ma jissemmewx il-partijiet b'Formola 1. Gwida rigward l-installazzjoni ta' partijiet qodma u jew użati (bini mill-ġdid, tiswija ġenerali, jew partijiet iċċertifikati mill-ġdid). Għandu jitqies li partijiet fit-TC jistgħu jkunu skaduti u li partijiet oħra jistgħu jkunu disponibbli li huma teknoloġikament aktar avvanzati u aktar affidabbli.

*Tweġiba: L-Aġenzija tizzi ħajr lill-kummentatur għal din il-proposta imma tħoss li hija barra mill-firxa ta' dan il-kompitu.*

(10) Persuna individwali ssottomettiet il-kummenti li ġejjin:

#### **21A.14(b) u (c)**

Hemm dubju jekk il-gliders sa 2000 kg għandhomx jitqiesu f'21A.14(b). Tħassib huwa espress fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-għażla tal-programm ta' ċertifikazzjoni f'21A.14(c). Hemm appoġġ qawwi għal AMC ssimplifikata għall-wiri tal-konformità għal DOA sħiħa għall-ELA.

*Tweġiba: Ara t-tweġiba għal CAA-NL (paragrafu 21A.98) għal gliders sa 2 000kg. Il-programm ta' ċertifikazzjoni issa ġie introdott bħala rekwiżit fundamentali għaċ-ċertifikazzjoni mill-Opinjoni 01/2010 (jekk jogħġbok ara l-paragrafu 21A.20): 21A.20 (b) b'mod ċar tipprevediha bħala dokument tax-xogħol matul il-proċess kollu taċ-ċertifikazzjoni. Barra minn hekk, fil-każ speċifiku ta' inġenju tal-ajru msemmi f'21A.14 (c), il-programm taċ-ċertifikazzjoni jrid ikun approvat mill-Aġenzija. L-Aġenzija tizzi ħajr lill-kummentatur għall-appoġġ tiegħu għal AMC issimplifikata għal DOA.*

**Bidliet u tiswijiet standard.** Ma jistgħux isiru kummenti minħabba li din is-CS għadha mhijiex ipprovduta.

*Tweġiba: L-Opinjoni tintroduċi l-prinċipju. Is-CS se jkunu sottomessi għall-konsultazzjoni taħt il-kompitu MDM.048.*

**21A.112B Wiri tal-kapaċità.** Tħassib huwa espress fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-għażla tal-programm ta' ċertifikazzjoni f'21A.112B.

*Tweġiba: Il-programm ta' ċertifikazzjoni issa ġie introdott bħala rekwiżit fundamentali għaċ-ċertifikazzjoni mill-Opinjoni 01/2010 (jekk jogħġbok ara l-paragrafu 21A.20): 21A.20 (b) b'mod ċar tipprevediha bħala dokument tax-xogħol matul il-proċess kollu taċ-ċertifikazzjoni. Barra minn*



hekk, fil-każ speċifiku ta' inġenju tal-ajru msemmi f'21A.14 (c), il-programm taċ-ċertifikazzjoni jrid ikun approvat mill-Aġenzija.

**21A. 307 Rilaxx ta' partijiet u tagħmir għall-installazzjoni.** Paragrafu (c) jidher li jneħħi l-limitazzjonijiet imposti mill-paragrafu (b). Differenza bejn ir-rekwiżiti għal partijiet kruċjali għal ELA 1 u ELA 2 mhijiex appoġġjata.

*Tweġiba:* Paragrafu 21A.307 kien abbozzat mill-ġdid u 21A.307(c) fis-CRD ma kienx korrett.

Barra min hekk, bħala rimarka ġenerali, jiena nitħasseb kemm hawn sidien ta' inġenji tal-ajru li jistgħu jerfgħu r-responsabilità ta' konformità ta' parti jew tagħmir ma' disinn approvat u x'inhi l-konvenjanza li jagħmlu dak jekk il-parti hija disponibbli fis-suq.

Mela, fejn hi s-simplifikazzjoni?

Jiena nemmen li l-possibilità li jkun limitat il-ħruġ tal-Formola 1 diġà teżisti mingħajr ma jitnaqqas il-livell tas-sigurtà. Jekk inqisu n-numru għoli ta' partijiet mhux kruċjali li jeżistu fl-inġenji tal-ajru ELA 1 u ELA 2, għal dawn il-partijiet ikun biżżejjed ċertifikat sempliċi ta' konformità maħruġ mill-manifattur (b'DOA, imma wkoll b'AP).

Imbagħad jekk l-EASA tixtieq tikkunsidra l-problema tal-partijiet prodotti mis-sidien bħala problema prinċipalment irrelatata mal-inġenji tal-ajru qodma u 'orfní' li huwa diffiċli li jinstabu parti ta' sostituzzjoni għalihom, il-parir tiegħi huwa li ssir referenza għar-rekwiżiti attwali tal-FAA (FAR 21.303(A)(2) eċċ.)

*Tweġiba:* Hawn il-konvinzjoni li ħafna sidien se jkunu jistgħu jerfgħu din 'ir-responsabilità'. Eżempju huma l-partijiet imsemmija fir-reazzjoni; prodotti għal inġenju tal-ajru mill-fornitur oriġinali li m'għandux POA, b'dikjarazzjoni ta' konformità. Dawn ma jkunux irrilaxxati b'Formola 1 tal-EASA, imma jinbnew skont id-dejta tad-disinn approvat. Bil-bidla proposta fil-21A.307, l-installazzjoni b'ċerti restrizzjonijiet għall-firxa tagħhom titqies bħala li ma taffettwax is-sigurtà.

**SUBPARTI L** — Approvazzjoni Kkombinata tal-Organizzazzjonijiet Responsabbli għad-Disinn u l-Produzzjoni tal-inġenji tal-ajru ddefiniti fil-Paragrafu 21A.14(b) u (c)

Il-paragrafu rilevanti tal-Parti 21 Subparti G u J kien ikkupjat fis-Subparti L mingħajr bidliet tekniċi sostanzjali.

Xi żewġ paragrafi "amministrattivi" bl-ispjegazzjoni tal-paragrafu 5 tas-CRD kienu jkunu biżżejjed, u tkun evitata l-inċertezza fl-emendi futuri tal-kwistjoni.

Anki b'ċertifikat wieħed, id-DOA u l-POA huma kwistjonijiet differenti. It-taħlita tar-rekwiżiti ma tagħmilx il-kompitu aktar faċli.

*Tweġiba:* L-Aġenzija taqbel li s-Subparti-L proposta ma ġġibx differenzi sostanzjali għar-rekwiżiti individwali tad-DOA u l-POA. Il-possibilità diġà teżisti wkoll fl-Artikolu 20(2)(b)(ii) tar-Regolament Bażiku biex ir-responsabilità għal POA tkun ittrasferita għand l-Aġenzija. Għaldaqstant huwa konkluż li s-Subparti-L ma tipprovdix benefiċċji biżżejjed u tikkomplika żżejjed ir-regoli, kif espress f'din ir-reazzjoni. L-Aġenzija ddeċidiet li tirtira l-proposta tas-Subparti-L.

**21A. 432B Wiri tal-kapaċità.** Fis-subparagrafu (b) « l-istabbiliment tal-prattiki speċifiċi tad-disinn, ir-riżorsi u s-sekwenza tal-attivitajiet meħtieġa għal konformità ma' din is-Subparti » għandu jinkiseb bi ftehim tal-Aġenzija.

Fis-subparagrafu (c) « l-istabbiliment tal-prattiki speċifiċi tad-disinn, ir-riżorsi u s-sekwenza tal-attivitajiet meħtieġa għal konformità ma' din il-parti ... » għandu jinkiseb bl-approvazzjoni ta' programm ta' ċertifikazzjoni.

Huwa diffiċli li wieħed jifhem id-differenza tal-proċeduri biex jinkiseb l-istess riżultat u kif jista' jinkiseb sempliċiment bi programm ta' ċertifikazzjoni.

*Tweġiba:* Fil-paragrafu (b), ir-referenza hija għal APDOA (il-proċeduri mhumiex speċifiċi għat-tiswija li qed tkun ikkunsidrata) meta fiċ-(ċ) hija għall-approvazzjoni ta' programm ta' ċertifikazzjoni li huwa speċifiku għal dik it-tiswija li qed tkun ikkunsidrata.

### **21A. 112B Wiri tal-kapaċità**

L-istess rimarki bażiċi bħal 21A.14(c).

*Tweġiba:* Il-programm ta' ċertifikazzjoni issa ġie introdott bħala rekwiżit fundamentali għaċ-ċertifikazzjoni mill-Opinjoni 01/2010 (jekk jogħġbok ara l-paragrafu 21A.20): 21A.20 (b) b'mod ċar tipprevediha bħala dokument tax-xogħol matul il-proċess kollu taċ-ċertifikazzjoni. Barra minn hekk, fil-każ speċifiku ta' inġenju tal-ajru msemmi f'21A.14 (c), il-programm taċ-ċertifikazzjoni jrid ikun approvat mill-Aġenzija.

### **21A. 710 Approvazzjoni tal-kundizzjonijiet tat-titjir**

Il-ħruġ ta' permess tat-titjir jista' jikkonċerna wkoll l-inġenji tal-ajru li għalih ma ntwerix konformità mar-regolamenti, u applikant li l-kompetenza tiegħu tista' tkun inċerta.

Inti tabilħaqq taċċetta mingħajr aktar verifika l-kundizzjonijiet tat-titjir għas-sigurtà anki f'dawn il-kundizzjonijiet?

*Tweġiba:* L-Aġenzija ddeċidiet li tirtira l-proposta ta' Subparti-L. Għaldaqstant il-kumment m'għadux aktar rilevanti.

(11 & 12) L-Assoċjazzjoni tal-Inġenji tal-Ajru Ħfief (LAA) tar-Repubblika Ċeka u l-Assoċjazzjoni tal-Manifatturi tal-Inġenji tal-Ajru Ħfief tal-Ewropa (LAMA Europe) esprimew reazzjonijiet simili. It-test huwa emendat biex titneħħa d-duplikazzjoni kull fejn hu possibbli.

Il-faċċata – Il-pubblikazzjoni mhux kompluta u tard ħafna ta' din is-CRD

L-LAA u l-LAMA m'għoġobhomx il-mod kif l-EASA ttrattat din l-NPA importanti ħafna.

Is-CRD kienet ippubblikata SENTEJN wara t-tmiem tal-perjodu għall-kummenti dwar l-NPA 2008-07 oriġinali!!! Anki l-fatt li s-CRD kien ippubblikat matul il-perjodu tal-vaganzi ma jinħassx li huwa sewwa, speċjalment meta kienet ippubblikata daqshekk tard. Il-problema b'din il-pubblikazzjoni rritardata hija li kulħadd kważi nesa dwar xiex kienet...

Iż-żmien qed jgħaddi b'mod rapidu – fl-2005 kien abbozzat l-ewwel ToR għal MDM032. Issa qed noqorbu tmiem l-2010 u x'għandna? L-EASA rċeviet 843 kumment. Madankollu, naħsbu li dan ma jistax jiġġustifika tali żmien twil sabiex isir dan is-CRD.

Il-fatt li s-CRD huwa diviż f'żewġ partijiet u Parti 1 biss kienet ippubblikata qabel l-iskadenza mhuwiex aċċettabbli. Kif nistgħu nkunu mistennija nikkummentaw fuq proposta tant importanti mingħajr il-possibilità li naraw it-tieni parti?

Aħna naħsbu li t-tieni parti ta' dan is-CRD għandha tkun ippubblikata minnufih u l-iskadenza għall-kummenti tal-Parti 1 trid tkun estiża kif jixraq.

*Tweġiba:* Il-publikazzjoni ta' CRD f'żewġ partijiet mhijiex il-prattika normali tal-Aġenzija imma kellha l-vantaġġ li tgħin biex ikun irkuprat ftit mid-dewmien. Ingħatat attenzjoni kbira biex fil-Parti 1 tas-CRD tingħata rappreżentazzjoni preċiża tal-kummenti ewlenin li saru u li jiżdied l-abbozz tal-Opinjoni li tirriżulta mill-analiżi tagħna tal-kummenti kollha. Għaldaqstant il-Parti 1 hija bażi valida biex jinkisbu reazzjonijiet dwar l-opinjoni u probabbilment hija dokument aktar faċli biex jinqara mill-500 paġna tal-Parti II tas-CRD.

*Il-Parti II ġiet ippubblikata u fiha l-abbozz tas-CS-LSA li se jkunu adottati mill-Aġenzija kmieni fl-2011.*

*L-Aġenzija tirrikonoxxi li għadda ħafna żmien biex tmexxiet 'il quddiem il-kwistjoni prinċipalment minħabba l-kwistjonijiet tar-riżorsi imma aħna użajna d-dewmien ukoll biex inħejju l-kompitu BR.010 (Tnedija ta' studju dwar il-lezzjonijiet mitgħallma għall-ELA1 bl-analiżi tar-Regolamenti Nazzjonali dwar il-Mikroħafif) u biex tissaħħaħ il-koperazzjoni mal-FAA dwar din il-kwistjoni u biex tinġabar aktar informazzjoni dwar l-esperjenza fl-Istati Uniti bir-regoli LSA. L-Aġenzija tixtieq tenfasizza li d-dewmien mhuwiex irrelatat ma' nuqqas ta' fehim dwar l-importanza u l-prijorità tal-avjazzjoni ġenerali kif muri fl-ittaffar għall-Parti-M, l-Opinjoni li tkopri l-Liċenzja L u l-Opinjoni dwar il-FCL inkluża l-LAPL.*

Paġna 4 (a) Kumment ġenerali (LAMA EUROPE)

**IL-BAŻI TA' KWALUNKWE INDUSTRIJA TAL-AVJAZZJONI LI TIKSEB SUĊĊESS HIJA L-AVJAZZJONI ŽĠHIRA (TAR-RIKREAZZJONI)**

Kull bdot jibda jtir b'ajruplan żgħir, mhux bl-Airbus, il-Boeing jew l-Eurofighter. Is-sors ta' 600 000 bdot tar-rikreazzjoni (skont l-Isports tal-Ajru tal-Ewropa) inklużi l-paraxutisti, il-hang-gliders, l-ultraħfief, il-gliders, il-blalen tal-arja sħuna sal-inġenji tal-ajru bil-magna ħfief tipprovdi l-vantaġġ ta' bażi kbira ta' klijenti għall-industrija tal-Avjazzjoni Ewropea u tal-Istati Uniti. Biex tifhem l-ajrudinamika, il-mekkanika tat-titjir, il-mekkanika, l-ekonomija u l-impatt ambjentali ta' ajruplan irid ikollok l-esperjenza u l-esperjenza tiksibha bl-avjazzjoni żgħira tar-rikreazzjoni. Biex issir entużjast rigward l-impjeggi fl-avjazzjoni, trid tkun tista' tmissha u titgħallem l-esperjenza tagħha. Biex tkun tista' tid-disinja inġenju tal-ajru kbir utli, trid tifhem mill-esperjenza tiegħek stess, x'hemm realment fl-isfond u x'għandek tikkunsidra.

L-uffiċjali fl-Istati Uniti rrikonoxxew dan ħafna snin ilu. Huma osservaw il-problemi kbar sabiex jinkisbu impjegati biżżejjed u kkwalifikati kif jixraq għall-industrija kbira tal-avjazzjoni. Huma rrikonoxxew li n-nuqqas ta' tkabbir fl-avjazzjoni żgħira (in-numru tal-inġenji tal-ajru u l-bdoti) kellu riżultat dirett li jżid l-ispejjeż fix-xiri u t-tħaddim tal-inġenji tal-ajru żgħar.

Minħabba f'hekk, il-programm tal-LSA (Inġenji tal-ajru tal-Isports Ħfief) kien tnieda fl-Istati Uniti fl-2004, bil-għan ċar li titnaqqas b'mod sinifikanti l-ispiża fil-livell tad-dħul għal titjir privat u għar-rikreazzjoni. Dan inkiseb bid-definizzjoni ta' kategorija ta' inġenji tal-ajru mhux kumplessi li ppermettiet ir-reġistrazzjoni ta' inġenji tal-ajru fuq il-bażi ta' awtodikjarazzjoni mill-manifattur fl-ambitu ta' standard tal-industrija aċċettat (l-istandard ASTM). Is-sistema ppermettiet lin-nies li jtiru b'taħriġ u rekwiżit mediku mnaqqsa b'mod raġonevoli.

B'dan kien hemm l-intenzjoni li jitreġġa' lura t-tnaqqis fil-popolazzjoni tal-avjazzjoni u għaldaqstant tinżamm il-bażi għall-industrija tal-avjazzjoni u ħames snin wara li tħabbu r-regoli l-ġodda juru b'mod ċar li l-mod kif saru l-affarijiet kien assolutament korrett u ta r-riżultati mixtieqa. In-numri tal-inġenji tal-ajru u l-bdoti żdiedu minnufih, u magħhom in-numru tar-riżorsi disponibbli għall-kumpaniji tal-avjazzjoni kbira.

Il-mudell tal-Istati Uniti sal-lum ġie kkuppjat minn ħafna pajjiżi, xi kultant b'varjazzjonijiet żgħar, skont iċ-ċirkustanzi nazzjonali. Fost dawn il-pajjiżi hemm sal-lum il-pajjiżi bl-akbar popolazzjonijiet: iċ-Ċina u l-Indja. Programmi simili kienu adottati biex tinħoloq bażi għall-industrija tal-avjazzjoni futura tagħhom.

Mil-lum, il-mexxejja ċari tas-suq fis-swieq kollha tal-LSA huma l-kumpaniji bbażati fl-Ewropa.

L-ironija hija li mhemmx sistema simili biex dawn l-inġenji tal-ajru mibnija skont ir-regolament ta' LSA jkunu jistgħu jittajru fl-Ewropa.

It-tħabbir tal-ħolqien tal-proċess ELA kien ikkunsidrat minn ħafna bħala li potenzjalment seta' kien l-ekwivalenti Ewropew. Madankollu, waqt li l-ELA hija ttaffar sinifikanti għal xi kategoriji tal-inġenji tal-ajru, ir-riżultat għall-inġenji tal-ajru tal-isports ħfief b'żewġ sedili huwa proċess sinifikament aktar ta' piż għad-disinn, il-manifattura u l-operat mis-sistema tal-LSA tal-Istati Uniti.

Ħafna issa jemmnu li s-soluzzjoni hija li tinħoloq kategorija speċifika għal inġenji tal-ajru sub 600kg u tkun adottata s-sistema tal-LSA b'mod ekwivalenti l-aktar qrib possibbli.

*Tweġiba: Il-firxa tal-MDM.032 hija aktar wiesgħa mil-LSA imma tipproponi simplifikazzjonijiet għall-Parti-21. Il-Kompitu BR.010 se jiddefinixxi kif immorru lil hinn mis-simplifikazzjonijiet għall-Parti-21 għas-subsett tal-inġenji tal-ajru ELA1.*

(LAA) Sfortunatament din is-CRD turi l-approċċ ħażin għall-isport u l-avjazzjoni rikreattiva. Nemmu li mhuwix possibbli li tittratta l-avjazzjoni tal-isport u rikreattiva bl-istess mod bħal-Trasport Kummerċjali bl-Ajru.

Qed isir dejjem aktar ċar, li xorta għadna mhux qed nirċievu dak li rridu u dak li neħtieġu – LSA sempliċi.

Nemmu li l-isforz regolatorju attwali tal-EASA mhux qed jagħti dak li naħsbu li hu meħtieġ għal aktar żvilupp tal-avjazzjoni tal-isport u rikreattiva. Fl-opinjoni tagħna l-LSA tista' ssir il-kategorija tad-dħul għall-avjazzjoni. Biex ikun indirizzati l-ħtiġijiet tal-membri tagħna naħsbu li l-EASA għandha toħloq kategorija LSA indipendenti kompatibbli kemm jista' jkun mas-sistema LSA tal-Istati Uniti.

Il-konsegwenza pożittiva ta' dan kollu tista' tkun Sistema globali tal-LSA li hija l-mira tagħna fuq medda twila ta' żmien.

Matul il-laqqgħa ta' AirVenture 2010 Randy Babbitt l-Amministratur tal-FAA ddikjara li r-rekord tas-sigurtà tal-LSA hija aħjar milli kien mistenni. Naħsbu li din hija prova li l-kunċett tal-LSA tal-Istati Uniti bbażat fuq l-awtodikjarazzjoni flimkien ma' regolamenti tal-manutenzjoni sensibbli ma johlqx problema ta' sigurtà. Minħabba li 65% tal-SLSA tal-Istati Uniti jiġu mill-Ewropa aħna konvinti li l-istess sistema tista' tintuża fl-Ewropa.

Il-kunċett ta' LSA Indipendenti tista' taħdem – indipendenti mhux neċessarjament tfisser li hija mingħajr l-EASA, imma tfisser li għandha post speċjali fil-ġerarkija tar-regoli tal-EASA.

Hekk sar fl-Istati Uniti fejn l-FAA għenet biex inħolqot il-kategorija LSA fi ħdan ir-regoli tal-FAA, żammet il-funzjoni tal-verifika, imma ma tirregolahix b'mod dirett.

Nafu li dan ikun jirrikjedi bidla fir-Regolament Bażiku.

L-LAA CR hija lesta biex tgħin fix-xogħol ta' tħejjija għal bidla bħal din.

*Tweġiba: L-offerta li jingħata appoġġ lill-EASA għall-kompitu BR.010 hija apprezzata. Il-bidliet proposti mill-kompitu MDM.032(e) li huma fi ħdan il-qafas tar-regoli tal-Parti-21 tabilħaqq ma jiksbox l-għan li għandha f'moħħha l-LAA CR. L-ambitu tar-regola FAA LSA madankollu hija subsett minn dak tal-kompitu MDM.032(e) u mhijiex adattata għall-ambitu kollha sa 2 000kg.*

Paġna 4 Drittijiet u ħlasijiet tal-EASA

LAA CR u LAMA EUROPE huma sodisfatti bid-dikjarazzjoni li l-EASA tiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni... imma jibżgħu li issa huwa tard wisq, minħabba li anki l-livell attwali tad-drittijiet u l-ħlasijiet huwa problema kbira għall-kumpaniji ż-żgħar. Bażi għad-drittijiet u l-ħlasijiet tal-EASA hija r-regolament li jeħtieġ li l-EASA tkun kompletament awtofinanzjata bid-drittijiet u l-ħlasijiet li hija għandha d-dritt li tevalwa. Il-ħlasijiet eżistenti diġà huma ta' piż sinifikanti għall-kumpaniji ż-żgħar. Tipikament dawn il-kumpaniji jipproduċu madwar 10 – 150 inġenju tal-ajru kull sena b'firxa

ta' dħul ta' 1 – 30 miljun EURO u bilkemm huwa possibbli li jibqgħu jiffunzjonaw bid-drittijiet u l-ħlasijiet attwali.

Id-drittijiet u l-ħlasijiet ilhom problema magħrufa għal ħafna snin, li trid tkun deċiża fuq livell politiku = il-Kummissjoni, malajr kemm jista' jkun.

*Tweġiba: Innotat.*

Paġna 4 u 7 CS-23 Ħafif sa MTOM ta' 1200kg

LAA CZ u LAMA EUROPE jaħsbu li l-ħolqien ta' dan il-kodiċi mhuwiex meħtieġ. Fil-fatt CS-VLA tista' tkun estiża sa 4 persuni u MTOM ta' 1200 kg. Fl-opinjoni tagħna l-ispjegazzjoni li neħtieġu tali kodiċi minħabba ....maġġoranza kbira eżistenti ... mhijiex valida, minħabba li s-sistema ELA qed titħejja għal inġenji tal-ajru ġodda, mhux għal dawk eżistenti.

Barra minn hekk, tant hemm kodiċi applikabbli fi ħdan l-MTOM ta' 1200 kg li huwa mixtieq li jitnaqqas in-numru tagħhom aktar milli jżjed.

Minflok dan l-isforz ikun aħjar li l-EASA toħloq sistema LSA ġdida bbażata fuq l-ASTM Huwa magħruf li l-FAA qed tqis li toħloq sistema bbażata fuq l-ASTM anki għal FAR-23, forsi din tista' tkun il-mod kif nimxu 'l quddiem u minflok il-ħolqien ta' CS-23 ħafif ikun tajjeb li naħdmu mal-FAA fuq is-sistema ASTM sabiex ikollna standards dinjija tal-avjazzjoni.

*Tweġiba: Għalissa hawn il-konvinzjoni li l-Emenda 7 tal-FAR Parti-23 hija standard adattat u ppruvat għal inġenji tal-ajru speċifiċi. Fuq medda itwal ta' żmien nippjanaw li nirvedu d-diversi standards f'koperazzjoni mil-qrib mal-FAA li fl-istess ħin wettqet Studju dwar il-Proċess taċ-Ċertifikazzjoni (CPS) dwar il-Parti-23.*

Paġna 9 u 10 Entitajiet kkwalifikati

Xi manifatturi tal-LSA u mikroħafif u l-LAA CZ ipparteċipaw fl-“Istudju tal-EASA fuq l-esternalizzazzjoni tal-kompiti taċ-ċertifikazzjoni” li twettaq minn Steria Mummert Consulting.

Ir-riżultati ta' dan l-istudju ntużaw għal dan is-CRD?

Għaliex l-istudju ma kienx ippubblikat?

*Tweġiba: L-Aġenzija tizzi ħar lilek u lill-membri l-oħra tal-industrija li pparteċipajtu għall-kontribuzzjoni tagħkom f'dan l-istudju.*

*Ir-rapport huwa rapport intern użat mill-Aġenzija biex tikseb għarfien aħjar rigward il-possibilitajiet tal-esternalizzazzjoni. Kif deskritt hawn fuq, l-Aġenzija qed tħejji aġġornament tad-deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija fuq l-esternalizzazzjoni. Ir-rapport ma kienx ippubblikat minħabba li din id-diskussjoni delikata hija kontinwa.*

*L-istudju ma ntużax għal din is-CRD minħabba li s-CRD sempliċiment jirreferi għax-xogħol tal-Aġenzija biex taġġorna l-politika tal-esternalizzazzjoni tal-Bord ta' Tmexxija.*

Paġna 10-11 7. Partijiet li ma jinħtieġux Formola 1 tal-EASA

Mingħajr il-pubblikazzjoni tal-kummenti huwa impossibbli li tkun ikkontrollata l-proposta. LAA CZ u LAMA EUROPE ma jaqblux mas-soluzzjoni proposta.

Aħna nipproponu li l-użu tal-Formola 1 mhuwiex meħtieġ mill-inqas għall-ELA 1.

*Tweġiba: Il-kummenti li waslu rriżultaw fi proposta inqas liberali għall-ELA1 li ttaffi d-diskussjoni dwar l-użu kummerċjali u mhux kummerċjali għal dawn il-partijiet. Hija tipprovdi kompromess aċċettabbli li huwa differenti mill-proposta tagħkom li jkunu limitati saħansitra aktar ir-rekwiżiti*

*għal Formola 1 tal-EASA. Il-fażi li jmiss li hija maħsuba mill-kompitu BR.010 se jipprovdi għażliet għal approċċi differenti.*

Paġna 11 Bidliet fl-immarkar tal-partijiet u t-traċċabilità -

LAA CZ u LAMA EUROPE jemmnu li l-bidliet oriġinali kienu konformi mal-isforz li jitnaqqas il-piż fuq il-manifatturi, fil-waqt li dan huwa bil-maqlob.

Minħabba li ma nistgħux naraw il-kummenti fil-Parti II ma nistgħux naqblu mal-bidliet proposti f'21A.804 u 21A.805.

*Tweġiba: Sadanittant il-Parti II tas-CRD ġiet ippubblikata u turi li l-immarkar tal-partijiet għandu jinżamm għat-traċċabilità u għar-rabta mad-dejta tad-disinn approvat.*

Paġna 11 8. Bidliet għal CS-LSA

LAA CZ u LAMA EUROPE jilqgħu tajjeb il-ħolqien ta' Speċifikazzjonijiet għaċ-Ċertifikazzjoni għal Ajruplani tal-Isports Ħfief ibbażati fuq l-ASTM F2245.

Sfortunatament ma nistgħux nikkumentaw aktar fuq din il-kwistjoni, minħabba li CS-LSA se tkun ippubblikata fil-Parti II li għadha mhijiex magħrufa.

*Tweġiba: Kumment fuq CS-LSA se jkun possibbli fis-CRD part II. Dawn il-kummenti se jkunu analizzati qabel tkun ippubblikata s-CS-LSA kmieni fl-2011.*

Paġna 13 9. Bidliet u tiswijiet standard

LAA CZ u LAMA EUROPE jilqgħu tajjeb din l-aħbar, madankollu nibzġu li l-ħolqien ta' din is-CS iddedikata bbażata fuq l-AC 43-13 1B u 2B tal-FAA se jieħu wisq żmien.

*Tweġiba: L-Aġenzija tizzikom ħajr għall-appoġġ tagħkom. Preżentement il-kompitu MDM.048 huwa skedat li jibda fl-2011 u jintemm fit-tieni kwart tal-2013. Aħna nesploraw modi kif naċċelleraw dawn il-kompiti kull fejn ikun possibbli.*

Paġna 13-14 10. Armonizzazzjoni mal-FAA

LAA CZ u LAMA EUROPE jilqgħu tajjeb din id-dikjarazzjoni. Aħna nemmnu li għal-LSA l-aħjar idea tkun li tinħoloq sistema globali tal-LSA bl-istandards tekniċi dinjija komuni bbażati fuq l-ASTM.

*Tweġiba: L-Aġenzija tizzik ħajr għall-appoġġ tiegħek rigward id-dikjarazzjoni li l-EASA għandha l-ħsieb li tistabbilixxi armonizzazzjoni fuq medda twila ta' żmien dwar l-LSA mal-FAA (u awtoritajiet oħra) billi taħdem f'koperazzjoni mill-qrib mal-FAA fis-segwitu tal-istudju FAR-23 CPS tagħhom u fil-proċess ASTM.*

(13) Assoċjazzjoni tal-Inġenji tal-Ajru Ħfief tar-RU

Nota Spjegattiva III. (p2)

Minħabba li Parti II għal din is-CRD għadha ma ġietx ippubblikata, l-istampa mhijiex kompluta u għaldaqstant mhuwiex possibbli li tingħata tweġiba sħiħa.

*Tweġiba: Il-publikazzjoni ta' CRD f'żewġ partijiet mhijiex il-prattika normali tal-Aġenzija imma kellha l-vantaġġ li tgħin biex ikun irkuprat ftit mid-dewmien. Ingħatat attenzjoni kbira biex fil-parti I tas-CRD tingħata rappreżentazzjoni preċiża tal-kummenti ewlenin li saru u li jiżdied l-abbozz tal-Opinjoni li tirriżulta mill-analiżi tagħna tal-kummenti kollha. Għaldaqstant il-Parti 1 hija bażi valida biex jinkisbu reazzjonijiet dwar l-opinjoni u probabbilment hija dokument aktar faċli biex jinqara mill-500 paġna tal-Parti II tas-CRD.*

Taqsim a) 2) (pġ. 5)

L-LAA ġeneralment tappoġġja l-proposta li tkun introdotta aktar konsultazzjoni biex ikun immodifikat ir-Regolament Bażiku, imma l-konsultazzjoni jeħtieġ li titwettaq malajr ħafna: wara kollox, l-ANPA 14-2006 inħarġet erba' snin ilu u t-tweġiba għaliha kienet is-sejħa għal bidla fir-Regolament Bażiku. Sabiex tippromwovi l-innovazzjoni tant meħtieġa fl-industrija, l-EASA teħtieġ li bil-ħeffa taġixxi biex tipprowdi ambjent għad-disinjaturi u l-manifatturi ta' inġenji tal-ajru ħfief ħafna biex jaġixxu mingħajr il-limitazzjonijiet tal-ispejjeż u r-riżorsi inerenti fis-sistemi DOA/POA eżistenti, flimkien mal-ispiża pproporzjonata u l-benefiċċji operattivi għall-utent finali.

Taqsim b) (p6+)

L-LAA ġeneralment tappoġġja l-bidliet magħmula mqabbla mal-NPA 2008-07. Barra minn hekk, l-industrija urġentement teħtieġ id-disponibilità ta' dawn il-proposti. Is-CS-LSA, is-CS-23ħafif u s-CS-'Tiswijiet u bidliet standard' ġodda u s-CS-VLA u s-CS-22 irriweduti jeħtieġ li jinħarġu b'urġenza (sa mhux aktar tard minn meta jinħarġu l-emendi tal-Parti 21).

*Tweġiba:* L-Aġenzija tiżzi ħajr lill-kummentatur għall-appoġġ tiegħu u tipproponi li tħaffef il-kompiti ta' segwitu differenti (pereżempju MDM.032(d) u BR.010) skont il-pjan tat-tfassil ta' regoli ppubblikat. Kull fejn ikun possibbli, aħna nesploraw modi kif naċċelleraw dawn il-kompiti. L-ewwel standard, is-CS-LSA, se jkun diġà ppubblikat kmieni fl-2011. 'Standards' oħrajn qed ikunu applikati permezz ta' kundizzjonijiet speċjali.

Taqsim b) 6) (pġ. 9) (Entitajiet Ikkwalifikati)

Ikun apprezzat jekk 'is-sejħiet għall-offerti' f'dan il-każ ikunu rreklamati b'mod aktar wiesa'. Il-prattika li tittella' sejħa għall-offerti fuq il-websajt tiegħek mingħajr avviż ma tgħinx. Forsi jkun possibbli servizz ta' abbonament bil-posta elettronika li permezz tiegħu tintbagħat email lill-abbonati kollha meta tkun ippubblikata sejħa għall-offerti?

*Tweġiba:* Sejħiet għall-offerti pubbliċi huma ppublikati mill-uffiċċju tal-pubblikazzjoni għal Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u, meta jkunu ppubblikati, jiżiedu fil-[webpejġ tal-akkwisti tal-EASA](#). Abbonament għal notifika bil-posta elettronika mhux possibbli għall-webpejġ tal-EASA.

Madankollu huwa possibbli l-abbonament mal-Bażi tad-Dejta Elettronika tal-Offerti (TED) fejn is-sejħiet għall-offerti kollha tal-Unjoni Ewropea huma ppubblikati fil-lingwi uffiċjali tal-UE. L-informazzjoni u l-istruzzjonijiet għal aċċess u notifika bbażati fuq profili ta' tfittxijiet speċifiċi jistgħu jinstabu fil-websajt: <http://ted.europa.eu/TED/main/HomePage.do>.

(14) Luftfahrt-Bundesamt

Ġenerali

F'diversi paragrafi tingħata referenza għal 21A.14 (b) u (c) permezz tal-kliem "inġenji tal-ajru ddefiniti fil-paragrafu 21A.14(b) u (c)". Huwa korrett li dan il-kliem jiddefinixxi l-kategorija tal-inġenji tal-ajru u ma jimplikax li d-disinn tal-inġenji tal-ajru realment kien approvat taħt 21A.14 (b) jew (c)? It-tweġiba għal din il-mistoqsija se tgħin jekk il-vantaġġi tas-sistema l-ġdida (pereżempju il-produzzjoni taħt is-Subparti L, partijiet prodotti mis-sid) huma possibbli wkoll għal tipi ta' inġenji tal-ajru li għalihom id-disinn kien ġie approvat qabel din il-bidla fir-regola jew taħt l-istandard oġġla ta' DOA approvata b'mod sħiħ.

*Tweġiba:* Meta f'dawn ir-rekwiżiti ssir referenza għal 'inġenji tal-ajru ddefiniti f'21A.14(b) u (c)', hija tiddefinixxi kategorija ta' prodotti mogħtija f'dak il-paragrafu. Għaldaqstant din issir ukoll applikabbli għal prodotti diġà approvati skont ir-regoli attwali. Fl-Opinjoni r-referenza meta applikabbli issa hija ssostitwita b'ELA1 u ELA2 li għalihom id-definizzjonijiet huma proposti f'din l-opinjoni għal bidliet għal 1702/2003.

## 21A.14 (b) u (c)

Dan il-paragrafu jindirizza wkoll il-magna u l-iskrejjien. Kif inhi r-relazzjoni tagħhom mas-Subparti L u 21A.307 (b) u (c) jekk id-disinn huwa inkluż fl-inġenju tal-ajru jew jekk id-disinn kien diġà ġie approvat permezz ta' DO f'konformità mas-Subparti J? Pereżempju huwa possibbli li tkun prodotta magna għal inġenju tal-ajru skont 21A.14 (b) jew (c) taħt is-Subparti L? Jistgħu l-partijiet għal din il-magna jkunu prodotti wkoll taħt ir-responsabilità ta' sid l-inġenju tal-ajru?

*Tweġiba: L-Aġenzija ddeċidiet li tirtira l-proposta ta' Subparti-L. Għaldaqstant parti mill-kumment m'għadhiex aktar rilevanti.*

*Fir-rigward tar-rilaxx ta' partijiet mingħajr il-Formola 1 tal-EASA, huwa tabilħaqq il-ħsieb li tkun tista' ssir l-installazzjoni ta' dawn il-partijiet meta huma jkunu konformi mad-disinn approvat. Pereżempju, il-partijiet għal magni awtomattivi li huma approvati mal-inġenju tal-ajru jistgħu jkunu installati taħt ir-responsabilità tas-sid tal-inġenju tal-ajru.*

## 21A.377 (b) u (c)

Fit-Taqsima B-Materjal għas-Subparti G il-livell 3 tas-sejba riċentement tħassar. F'dan il-paragrafu issa qed jerġa' jidher.

*Tweġiba: L-Aġenzija ddeċidiet li tirtira l-proposta ta' Subparti-L. Għaldaqstant il-kumment m'għadux aktar rilevanti.*

## 21A.353 (b)

Organizzazzjoni tad-Disinn u l-Produzzjoni kkombinata taħt is-Subparti L – ma tkunx tista' tiffirma arranġament DO-PO ma' DO differenti b'żieda mal-firxa primarja tagħhom.

*Tweġiba: L-Aġenzija ddeċidiet li tirtira l-proposta ta' Subparti-L. Għaldaqstant il-kumment m'għadux aktar rilevanti.*

## 21A.383 (c)

Ir-referenza "taħt 21A.307" tħassret fit-test rilevanti tas-Subparti G xi snin ilu minħabba li kinitx tippermetti "konformità biss" / "prototip" tal-Formola 1 tal-EASA.

*Tweġiba: L-Aġenzija ddeċidiet li tirtira l-proposta ta' Subparti-L. Għaldaqstant il-kumment m'għadux aktar rilevanti.*

## 21A.385 (n)

Ir-referenza għandha tinbidel minn "taħt il-privileġġ ta' 21A.383(f)" għal "...21A.383(e)".

*Tweġiba: L-Aġenzija ddeċidiet li tirtira l-proposta ta' Subparti-L. Għaldaqstant il-kumment m'għadux aktar rilevanti.*

## 21A.439 Produzzjoni ta' partijiet għat-tiswija

Dan il-paragrafu għandu jindirizza wkoll il-possibilità ta' partijiet prodotti taħt ir-reponsabilità tas-sid tal-inġenju tal-ajru, altrimenti dan il-paragrafu jkun f'kunflitt ma' 21A.307 (b) u (c).

*Tweġiba: Mhux aċċettata. Il-paragrafu 21A.307 mhux intenzjonat li jibdel ir-rekwiżiti tal-manutenzjoni. Dan huwa lil hinn mill-firxa ta' dan il-kompitu tat-tfassil ta' regoli.*

## Subparti L b'mod totali

Ma narawx vantaġġi reali fil-ħolqien ta' tali Subparti L.

- Kif 21A.377(b) u 21A-383 (c) diġà juru, hemm riskju għoli li din is-subparti mingħajr intenzjoni tkun differenti mir-rekwiżiti rilevanti tas-Subparti J jew is-Subparti G. Is-Subparti L, jekk tabilħaqq



meħtieġa, għandha tindirizza biss il-kombinazzjoni tal-approvazzjoni tad-DO u l-PO, ir-rekwiżiti nfushom għandhom jinżammu fis-Subparti J u G.

- Fejn huma l-vantaġġi għall-industrija? It-tnaqqis intenzjonat fl-ispejjeż jista' jkun marġinali fuq medda twila ta' żmien, minħabba li r-rekwiżiti li se jkunu mistħarrġa jibqgħu l-istess u x'aktarx isseħħ qasma bejn l-involviment tal-EASA (DO-parti) u l-NAA (PO-parti) fil-proċess ta' sorveljanza.

*Tweġiba:* L-Aġenzija taqbel li s-Subparti-L proposta ma ġġibx differenzi sostanzjali għar-rekwiżiti individwali tad-DOA u l-POA. Il-possibilità diġà teżisti wkoll fl-Artikolu 20(2)(b)(ii) tar-Regolament Bażiku biex ir-responsabilità għal POA tkun ittrasferita għand l-Aġenzija. Għaldaqstant huwa konkluż li s-Subparti-L ma tipprovdix benefiċċji biżżejjed u tikkomplika żżejjed ir-regoli, kif espress f'din ir-reazzjoni. L-Aġenzija ddeċidiet li tirtira l-proposta tas-Subparti-L.

(15) UK CAA

Paġna 2 Paragrafu Nru: III 4) u IV

Kumment: CAA tistenna bil-ħerqa l-wasla tal-Parti II tad-dokumenti tal-kummenti fejn se jkunu pprovduti kummenti aktar komprensivi fuq il-proposti kollha, tal-Parti I u Parti II.

Dawn li ġejjin huma xi eżempji tal-ħtieġa ta' fehim tas-CRD komplut:

Id-dikjarazzjoni f'paġna 4 li "l-NPA ntlagħġet b'reazzjonijiet differenti" għandha tiġi spjegata bil-provvediment tal-kumment u t-tweġiba tal-EASA.

*Tweġiba:* Ħafna kummentaturi esprimew kumment simili li l-proposta kienet pass fid-direzzjoni t-tajba, madankollu jemmnu li ma tipprovdix is-soluzzjoni li kienu qed jistennew, bħas-sistema LSA tal-FAA. Minħabba li dan ikun jimplika bidla fir-Regolament Bażiku, hija proposta t-tieni fażi bil-kompitu BR.010.

Ir-referenza fil-paġna 5 għal deregolazzjoni ta' ċertu segment tal-avjazzjoni ħafifa jidher li hija f'kunflitt mal-prinċipji tal-ICAO u l-ħruġ ta' Ċertifikat tal-Ajrunavigabilità internazzjonali. Il-ħruġ ta' Ċertifikat tal-Ajrunavigabilità tal-ICAO jirrikjedi li l-individwu jew l-organizzazzjoni jieħu responsabilità għall-prodott jew parti.

*Tweġiba:* Il-konformità mal-ICAO hija kunsiderazzjoni importanti imma teħtieġ li tkun ibbilanċjata max-xewqa għal aktar żvilupp tal-GA b'livell xieraq ta' sigurtà.

Ir-referenza f'Paġna 5 Paragrafu (a), Subparagrafu 2, it-tieni punt. Għalkemm din tidher li tidentifika l-intenzjoni li jkunu armonizzati l-bidliet futuri għar-Regolament Bażiku mal-FAA u Transport Canada, jinħass li l-armonizzazzjoni għandha tkun estiża għall-proposta li jkunu prodotti standards tas-CS addizzjonali.

*Tweġiba:* Hija l-intenzjoni tagħna li fejn hu possibbli narmonizzaw il-proċessi u l-istandards. L-iżvilupp ta' standards armonizzati jista' jiżviluppa f'direzzjoni fejn ikun aktar xieraq li jkun hemm anqas standards.

Paġna 5 subparagrafu 2 tar-raba' punt, l-aċċettabilità tal-proposti li xi inġenji tal-ajru ELA ma jkunux jirrikjedu Ċertifikat tat-Tip għall-magna jew l-iskrun, tiddependi fuq id-daqs u t-tip tal-operazzjoni permessa. Pereżempju tista' tkun aċċettabbli għal inġenju tal-ajru mibni mis-sid b'żewġ sedili imma mhux għal inġenji tal-ajru b'aktar kapaċità bl-approvazzjoni IMC (bħaċ-Cesna 172 u PA-28 (!80).

*Tweġiba:* Dan tabilħaqq ikun jirrikjedi analiżi fi ħdan il-kompitu BR.010 propost.

Paġna 6 Paragrafu Nru: (b) 'L-Opinjoni għal Parti-21 u bidliet imqabbla mal-NPA', Subparagrafu 1

Kumment: Il-kunċett oriġinali fl-NPA 2008-07 kien għal operazzjoni mhux kummerċjali. L-eżempju fit-tieni sentenza jindika li dan il-prinċipju ma nżammx fil-bidliet proposti spjegati f'dan id-Dokument ta' Tweġibiet għall-Kummenti. Nixtiequ niksbu kjarifika dwar dan il-punt.

*Tweġiba: Il-kriterji għall-użu tal-Formola 1 tal-EASA qed isiru aktar stretti u bħala konsegwenza jippermettu aktar applikazzjoni kummerċjali.*

Paġna 6 Paragrafu Nru: (b) Subparagrafu 2, Innota taħt it-titolu 'CS-VLA' (it-tieni punt)

Kumment: Ninnotaw li l-kompitu VLA.008 tat-tfassil ta' regoli se jqis l-estensjoni għal CS-VLA biex tinkludi VFR Billejl u IMF u ninnotaw li dan jista' jkollu effett sinifikanti fuq ir-rekord tas-sigurtà għal inġenji tal-ajru bħal dawn u jirrikjedi analiżi u armonizzazzjoni bil-galbu mal-FAA u Transport Canada.

*Tweġiba: Naqblu li l-impatt fuq is-sigurtà jeħtieġ li jkun analizzat bħala parti minn dan il-kompitu. L-armonizzazzjoni ma', u esperjenza mingħand it-TCCA u l-FAA se tkun kunsiderazzjoni importanti.*

Paġna 7 Paragrafu Nru: (b) Subparagrafu 2, Innota taħt it-titolu 'CS-23' (it-tielet punt)

Kumment: CS-23 Ħafif, FAR-23 fl-Emenda 7 tirrappreżenta standard li kien ippubblikat mill-Gvern Amerikan fl-14 ta' Settembru 1969. Kien maqbul li ħafna inġenji tal-ajru kienu ddisinjati u mibnija għal dak l-istandard u xi ffit għadhom igawdu drittijiet ta' eżenzjoni b'xi bidliet tad-disinn li għadhom qed ikunu ddisinjati għal dawk ir-rekwiżi preċedenti. Madankollu, kwalunkwe inġenju tal-ajru b'modifiki sinifikanti jew kwalunkwe inġenju tal-ajru ġdid minn dak iż-żmien kien iddisinjat għall-istandards ta' wara. Dan jagħti l-kapaċità lill-manifattur li jqis il-kwistjonijiet tad-disinn mhux koperti b'mod adegwat fi ħruġ preċedenti tal-FAR-23 bħat-tolleranza għall-għejja tal-metall u l-ħsara fi strutturi komposti. JAR-23 u CS-23 kienu bbażati fuq il-FAR 23-42 iddatata l-4 ta' Frar 1991. Kwalunkwe proposta biex jinħoloq Ċertifikat tal-Ajrunavigabilità Standard, is-CS-23 Ħafif, għandha tkun ibbażata fuq l-aħħar standards tas-CS-23 li jidher ċar li huma armonizzati sostanzjalment mal-FAR-23.

*Tweġiba: L-ajruplani ddisinjati u ċertifikati għall-FAR Parti-23 Emenda 7 ma ġewx ikkontestati u jirrappreżentaw il-maġġoranza kbira tal-flotta attwali. Għaldaqstant, naħsbu li dan jista' jkun standard tal-ajrunavigabilità għall-ajruplani ta' disinn simili sakemm meta r-rekwiżiti ma jkunu adattati (bħal struttura komposta) il-bażi taċ-ċertifikazzjoni tkun emendata.*

Paġna 7 Paragrafu Nru: (b) Subparagrafu 2, Innota taħt it-titolu 'CS-22' (ir-raba' punt)

Kumment: Is-CAA temmen li fl-interess tal-effiċjenza kwalunkwe eżerċizzju biex ikunu rrazzjonalizzati l-istandards tad-disinn tas-CS-VLA u s-CS-23 Ħafif propost għandu jitlesta qabel jinħoloq standard ġdid bħas-CS-23 Ħafif. Din għandha tkun attività ta' armonizzazzjoni mal-FAA u Transport Canada.

*Tweġiba: L-introduzzjoni tas-CS-23 Ħafif ibbażat fuq il-FAR Parti-23 Emenda 7 titqies bħala approċċ prammatiku li f'fażi aktar tard għandha tkun analizzata u forsi mwaħħda kif espress fis-CRD.*

Paġna 8 Paragrafu Nru: 3

Kumment: F'liema stadju se jkun irrekwiżit it-tidħil ta' DOA ssimplifikata? Hemm il-possibilità li dan ikun irrekwiżit qabel il-ħruġ ta' Ċertifikat tal-Ajrunavigabilità jew il-Permess tat-Titjir?

*Tweġiba: Id-DOA mhux se tkun rekwiżit. Ix-xenarju deskritt juri l-każ fejn kumpanija tista' tibda mingħajr DOA u skont in-negozju tgħaddi għal DOA biex tkun aktar effiċjenti għal ajrunavigabilità kontinwa.*

Paġna 10 Paragrafu Nru: 6 'Entitajiet Ikkwalifikati', (it-tieni punt): "l-applikant għandu jkun jista' jipproponi l-entità kkwalfikata tiegħu għall-approvazzjoni tal-Aġenzija".

Kumment: Ninnotaw li l-Bord tat-Tmexxija tal-EASA għad irid jadotta politika rigward l-użu tal-QEs. Is-CAA tissuġġerixxi li fattur wieħed li jrid ikun ikkunsidrat huwa jekk l-applikanti jistgħux jagħżlu mogħdija pperçipita bħala l-aktar dgħajfa biex jiksbu l-approvazzjoni u sa liema punt għandha l-Aġenzija talloka Entità Kkwalfikata akkreditata fuq il-bażi tal-lokazzjoni ġeografika għal benefiçċji lingwistiçi u kulturali. L-istandardizzazzjoni wkoll se tkun kwistjoni kruçjali.

*Tweġiba: Il-politika għall-użu ta' entitajiet kkwalfikati jeħtieġ li tipprovi kundizzjonijiet ekwi li permezz tal-istandardizzazzjoni tevita l-mogħdija tal-'ħolqa l-aktar dgħajfa' għaċ-ċertifikazzjoni.*

Paġna 11 Paragrafu Nru: (b) Subparagrafu 7

Kumment: Il-proposta rriveduta tirrikjedi biss il-Formola 1 tal-EASA għal struttura primarja, kontrolli tat-titjir jew partijiet b'terminu tal-użu limitat u li s-sidien ta' inġenji tal-ajru ELA 1 jipprovdu dikjarazzjoni ta' konformità ma' disinn approvat. Kwalunkwe inġenju tal-ajru eliġibbli għal Ċertifikat tal-Ajrunavigabilità tal-ICAO jrid juża Partijiet li huma disponibbli b'Formola 1 tal-EASA, fabrikazzjoni limitata hija permessa minn Organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni approvati b'mod xieraq. Meta s-sidien jipproduçu dikjarazzjoni ta' konformità, mhuwiex ċar min se jerfa' r-responsabilità. L-inġenji tal-ajru mmodifikati b'dan il-mod għandhom ikunu limitati għal Permess tat-Titjir u m'għandhomx jintużaw għal tħaddim kummerçjali.

*Tweġiba: Il-proposta rriveduta żammet il-proposta oriġinali għal ELA2 u għamlet il-proposta għal ELA1 aktar ristretta. Is-sid se jipproduçi dikjarazzjoni ta' konformità u jgħorr ir-responsabilità għall-aċċettazzjoni tal-partijiet fl-inġenju tal-ajru tiegħu.*

Paġna 14 Paragrafu Nru: (b) Subparagrafu 10, Armonizzazzjoni mal-FAA

Kumment: Is-CAA taqbel li sakemm ma jsirux arranġamenti speçjali mill-applikanti minn barra l-EASA mhux se jkun possibbli għall-EASA li taġixxi bħala l-istat tad-disinn. Dan se jkun partikolarment enfazzat bil-prodotti li huma approvati fl-Istati Uniti bħala inġenji tal-ajru LSA sub-ICAO li qed ikunu kkunsidrati għall-ħruġ ta' Ċertifikat tal-Ajrunavigabilità tal-ICAO tal-EASA.

*Tweġiba: Innotat. Din il-kwistjoni jixirqilha aktar kunsiderazzjoni.*

Paġna 14 Paragrafu Nru: 2, L-aħħar sentenza

Kumment: Id-dikjarazzjoni li "L-approçċ Ewropew ta' RTC jew TC għal LSA ma jżommx LSA Ewropej milli jkunu esportati lejn l-Istati Uniti jekk ma jkunux irċevew xi ċertifikat tal-ajrunavigabilità individwali" mhuwiex mifhum b'mod sħiħ. Għandha tingħata aktar spjegazzjoni.

*Tweġiba: Din id-dikjarazzjoni hija marbuta mal-kwotazzjonijiet mill-Ordni 8130.2F ippreżentati f'dan il-paragrafu fis-CRD Parti I. Minħabba li t-tip tal-inġenju tal-ajru huwa eliġibbli għaċ-ċertifikazzjoni, jew anki għandu ċertifikat tat-tip (ristrett) tal-EASA, dan se jkun jirrapreżenta 'iç-ċertifikazzjoni simili fil-pajjiż tal-orijini tiegħu'.*

*Għaldaqstant, l-inġenju tal-ajru se jkun eliġibbli għal ċertifikat tal-ajrunavigabilità speçjali fil-kategorija tal-LSA.*

(16) Membru Awstrijakk tal-Kumitat tal-EASA

Kumment/Ġustifikazzjoni Ġenerali:

Minħabba l-fatt li s-CRD ma ġiex ippublikat b'mod sħiħ – il-parti bil-kummenti u t-tweġibiet tal-EASA għadha nieqsa (mhux disponibbli fil-websajt tal-EASA) – il-perjodu għall-kummenti jitqies li huwa qasir wisq.

## Proposta:

Il-perjodu tal-kummenti għal dan is-CRD għandu jkun estiż minħabba l-fatt li l-parti tas-CRD li jkun fiha l-kummenti tal-partijiet interessati kif ukoll it-tweġibiet tal-EASA għadha ma ġietx ippubblikata kif irrekwiżit.

*Tweġiba: Mhux aċċettata. Il-pubblikazzjoni ta' CRD f'żewġ partijiet mhijiex il-prattika normali tal-Aġenzija imma kellha l-vantaġġ li tgħin biex ikun irkuprat ftit mid-dewmien. Ingħatat attenzjoni kbira biex fil-parti I tas-CRD tingħata rappreżentazzjoni preċiża tal-kummenti ewlenin li saru u li jiżdied l-abbozz tal-Opinjoni li tirriżulta mill-analiżi tagħna tal-kummenti kollha. Għaldaqstant il-Parti 1 hija bażi valida biex jinkisbu reazzjonijiet dwar l-opinjoni u probabbilment hija dokument aktar faċli biex jinqara mill-500 paġna tal-Parti II tas-CRD.*

## Subparti B

## 21A.14

## Kumment/Ġustifikazzjoni/Proposta:

Id-definizzjonijiet kif imsemmija f'dan il-paragrafu għandhom ikunu konformi mad-definizzjonijiet li se jkunu applikati fil-Partijiet tar-Regoli Implimentattivi rilevanti l-oħra kollha.

Id-definizzjoni tal-ELA 1 fil-parti M għandha tkun konformi mad-definizzjoni fil-parti 21.

*Tweġiba: Il-proposta għall-emenda tal-Parti-M hija introdotta f'din l-Opinjoni.*

## (c) 7. magna bil-pistins

Kumment: Għat-tipi kollha ta' magni bil-pistins anki jekk mhux użati għall-prodotti tal-21A14(c), il-proċess taċ-ċertifikazzjoni ELA huwa possibbli anki għal magni kumplessi ħafna bil-FADEC u ċarġers turbo.

*Tweġiba: Aċċettata. 21A.14(c) ġiet ikkoreġuta biex tippermetti biss il-magni u l-iskrejjien installati fuq l-inġenji tal-ajru ddefiniti f'21A.14(c)*

## 21A.47

Għandu jkun iċċarat, jekk it-trasferiment ta' TC għal inġenju tal-ajru, meta l-Aġenzija tkun approvat programm ta' ċertifikazzjoni, huwiex possibbli, meta r-rekwiżiti tal-kwalifikazzjoni għall-eliġibilità taħt 21A.14 mhumiex ssodisfatti, u d-detentur il-ġdid tat-TC ma jkollux AP għal DOA jew DOA. (Ara wkoll 21A.116)

*Tweġiba: Meta l-Aġenzija tapprova programm ta' ċertifikazzjoni, il-kwalifiki għall-eliġibilità huma ssodisfatti. Dan huwa kopert mill-bidla għal 21A.14.*

*Trasferiment, madankollu, ikun possibbli biss meta l-persuna naturali jew legali tkun tista' tissodisfa l-obbligi kif speċifikat fil-bidla proposta għal 21A.47 (Ara c-CRD 2008-06).*

## Subparti D

## 21A.98 (a)

## Kumment/Ġustifikazzjoni:

Dan is-subparagrafu mhuiwix ċar. L-applikabilità – kif hija msemmija – tista' tqarraq u tista' twassal għal interpretazzjonijiet differenti. Il-qari ta' dan il-paragrafu flimkien ma' 21A.14 jista' jhawnad lill-applikanti.

## Proposta:

Huwa ssuġġerit li jintużaw puntini għall-paragrafu tal-applikabilità.

*Tweġiba: Aċċettata parzjalment. Il-paragrafu inkiteb mill-ġdid biex jittejjeb il-fehim.*

Subparti D

21A.98 (b) u (c)

Kumment

Nixtiequ nikkumentaw b'mod ġenerali li l-użu tal-Ispesifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjoni għal approvazzjonijiet ġenerali kif imsemmi f'dan is-subparagrafu mhuwiex konformi mar-Regolament Bażiku 216/2010 u jaqbeż il-mandat tar-responsabilità tal-EASA.

*Tweġiba: Is-CS proposti għal tiswijiet standard se jkun fihom tiswijiet jew modifiki speċifiċi, mhux approvazzjonijiet ġenerali. Hija r-responsabilità tal-EASA li tiżviluppa l-Ispesifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjoni u Mezzi Aċċettabbli ta' Konformità sabiex jintużaw fil-proċess taċ-ċertifikazzjoni. (Artikolu 19 tar-Regolament Bażiku). Għaldaqstant, għaċ-ċertifikazzjoni tal-bidliet standard għandu jkun żviluppat dan is-CS ġdid.*

Subparti L

Kumment/Ġustifikazzjoni:

Din is-Subparti mhijiex appoġġjata minħabba li toħloq aktar piż burokratiku għall-komunita tal-inġenji tal-ajru li hija indirizzata minn dawn ir-rekwiżiti.

Is-Subparti L għandha tikkonsisti biss fil-firxa, l-eliġibilità, l-applikazzjoni, il-ħruġ tal-approvazzjoni u t-trasferiment tal-approvazzjoni.

Is-Subparti m'għandhiex tipprovdni rekwiżiti ddettaljati għall-approvazzjoni ta' DOA jew POA. Għandu jkun hemm biss referenza għal Subparti F, G jew J.

Il-proċess tal-approvazzjoni m'għandux ikun differenti għal din is-Subparti u għandhom ikunu possibbli approvazzjonijiet anqas kumplessi tal-organizzazzjoni skont is-Subparti F għall-produzzjoni u proċeduri alternattivi għal DOA. Rekwiżiti biss li huma inqas ristretti minn dawk innotati fis-Subparti F, G jew J għandhom jissemmew.

*Tweġiba: L-Aġenzija taqbel li s-Subparti-L proposta ma ġġibx differenzi sostanzjali għar-rekwiżiti individwali tad-DOA u l-POA. Il-possibilità diġà teżisti wkoll fl-Artikolu 20(2)(b)(ii) tar-Regolament Bażiku biex ir-responsabilità għal POA tkun ittrasferita għand l-Aġenzija. Għaldaqstant huwa konkluż li s-Subparti-L ma tipprovdix benefiċċji biżżejjed u tikkomplika żżejjed ir-regoli, kif espress f'din ir-reazzjoni. L-Aġenzija ddeċidiet li tirtira l-proposta tas-Subparti-L.*

21A.436 Tiswijiet standard

Applikabilità: Ara l-kumment għal 21a.98

*Tweġiba: Aċċettata parzjalment. Il-paragrafu inkiteb mill-ġdid biex jittejjeb il-fehim.*

CS-23 Ħafif:

Kumment: Għandu jkun iċċarat jekk l-applikabilità proposta u l-kontenut tekniku huma konformi mal-Anness 8 tal-ICAO

*Tweġiba: Is-CS23 Ħafif ikun konformi mal-Anness 8 tal-ICAO.*